# DAWL FRANĠISKAN

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN



APRIL 2001 · IL-21 SENA · GĦADD 209 · NEWSPAPER POST

# Werrej...


EDITORJAL 3
*minn P. Joe Alessandro OFMCap*

BIBBJA 4
L-Evanġelji tal-Qawmien ta' Ġesù mill-Mewt
*minn P. Donat Spiteri OFMCap*



RIFLESSJONI U AZZJONI 8
Dawra mal-Plajja tal-Ħajja
*minn P. William Axiaq OFMCap*

TANZANIJA 10
Armla darbtejn ta' 34 sena ...
*minn P. Silvestru Bonavia OFMCap*

L-EVANĠELJU TA' S. MATTEW 12
Għal min inkiteb l-Evanġelju ta' San Mattew
*minn P. Martin Micallef OFMCap*

SPIRITWALITÀ FRANĠISKANA 15
Randan ta' Salvazzjoni
*minn Bro. Andrè Azzopardi OFMCap*

KULTURA FRANĠISKANA 16
San Franġisk fl-Arti (4)
*minn P. Martin Micallef OFMCap*



KUBA 18
It-Tieni Perjodu 1959 - 1964
*minn P. Philip Cutajar OFMCap*

IT-TWEĠIBA 20
*minn P. William Axiaq OFMCap*

INTERVISTA 21
Nitkellmu ma' P. Philip Attard
*minn Bro. Andrè Azzopardi OFMCap*

O. F. S. 22
Ħadd għajr Franġisku (2)
*minn P. Frans Abela OFMCap*

ŻGĦAŻAGĦ FRANĠISKANI 24
Tgħid Vera?
*minn Fabian Marston gi.fra.*

IT-TIFKIRA TA' L-GĦID 25
Il-Mogħdija tal-Mulej
*minn Mons. Lawrenz Sciberras*

NOVELLA 28
Għada ħadd ma rah!
*minn Jeanette Falzon*



IT-TISLIBA 30
*minn P. Wistin Attard ofm cap*

POEŻIJA 30
Fil-Mixja tiegħi fuq din l-art
*minn Prof. Oliver Friggieri*

VOKAZZJONIJIET 31
Imxi warajja
*minn Bro. Dennis Calleja OFMCap*



DAWL FRANĠISKAN

**APRIL 2001**
**Il-21 sena**
**Għadd 209**




**Qoxra 1:**
***Il-Qawmien mill-Mewt***
***Pietro Vannucci (1448 - 1523)***
***Palazz Appostoliku***
***Belt tal-Vatikan, Ruma.***


**BORD EDITORJALI:**
Joe Alessandro ofm cap (Direttur u Editur)
Wistin Attard ofm cap
Frans Abela Giusti ofm cap
Noel Pace
Maria Mercieca ofs
Dorian Holland ofs
Anne Marie Mifsud gi.fra.



**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 233874/225525/234949
e-mail: ofmcap@keyworld.net

**DISINN U LAYOUT:**
IMAGE 2000 LTD, FGURA
**MITBUGĦ:**
P.E.G. Ltd., San Ġwann.



Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.


Ħlas ta' l-Abbonament: Lm 4 fis-sena.
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-
Direttur
Ċentru Missjoni Kapuċċini
Kunvent tal-Kapuċċini
Floriana - VLT 14



# EDITORJAL

*minn Fr. Joe Alessandro OFMCap.*

# NIBQGĦU ŻGĦAŻAGĦ

Fil-bidu tal-messaġġ tiegħu għall-JUM DINJI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, nhar il-Ħadd 8 ta' April 2001, il-Papa Ġwanni Pawlu II jgħid liż-żgħażagħ li għadu jgħożż quddiem għajnejh u f'qalbu x-xena suġġestiva tal-"bieb" kbir fuq il-campus ta' l-università ta' Tor Vergata, f'Ruma, meta s-sena li għaddiet għadda minnu id f'id ma' ħames żgħażagħ mill-ħames kontinenti. Fuq dan il-bieb iddominat il-figura ta' Kristu Msallab. Dan kien ġest simboliku biex juri li dħalna fit-tielet millennju.



Filwaqt li jrodd ħajr lil Alla ta' l-appoġġ li ż-żgħażagħ dejjem tawh kull fejn mar fil-vjaġġi tiegħu, il-Papa jirreferi għaż-żgħażagħ bħala don fil-Knisja li jfakkarha li hija dejjem żagħżugħa għax magħha hemm dejjem Ġesù żagħżugħ.

Il-Papa jistieden liż-żgħażagħ biex jirriflettu fuq il-kliem ta' Ġesù: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu kuljum, u jimxi warajja" (Lq 9, 23). Fil-fatt, Ġesù mhux il-Messija tat-trijonf jew tal-qawwa, imma huwa dak li ġie biex jagħmel ir-rieda tal-Missier u jwettaqha sa l-aħħar billi offra ħajtu b'sagrifiċċju għalina l-bnedmin. U jekk din kienet ir-rieda ta' Alla l-Missier għal Ibnu Ġesù, hija l-istess rieda għal dawk kollha li jridu jimxu wara Ibnu, mhux biss iż-żgħażagħ iżda lill-bnedmin ta' kull età. Fi kliem ieħor Ġesù Kristu jitlobna li bil-kuraġġ kollu nagħżlu l-istess triq tiegħu. Ma jeżistux żewġ toroq, imma waħda: dik ta' l-Imgħallem tagħna Ġesù.

Għall-Ġesù is-salib kien l-akbar prova ta' mħabba. Għalina wkoll li nemmnu fl-imħabba, l-esperjenza tgħallimna li ma teżistix vera mħabba jekk din ma tkunx ippruvata b'sagrifiċċju u b'ċaħdiet. Dan jgħodd kemm fuq livell uman, iġifieri fuq l-imħabba ta' bejn persuna u oħra, kif ukoll fuq livell spiritwali. Allura, li nerfgħu salibna ta' kuljum ma jfissirx tant li nimmortifikaw lilna nfusna daqs kemm li nfittxu li nikbru fl-imħabba vera bejnietna u ma' Alla. Il-vera mħabba żżommna żgħażagħ fl-ispirtu ukoll meta ż-żmien jibda għaddej minn fuqna. ❑

# L-Evanġelji tal-Qawmien ta' Ġesù mill-Mewt

minn P. Donat Spiteri OFM Cap

*L-Evanġelju tal-passjoni ta' Ġesù Kristu ma jagħlaqx bil-mewt u d-difna tiegħu, iżda bil-qawmien tiegħu mill-mewt. Hu Evanġelju, "aħbar tajba", mhux biss għax iħabbar il-mewt tiegħu, li biha kiseb il-ħajja għalina, iżda wkoll għax ixandar il-qawmien tiegħu, li bih jagħtina sehem fil-ħajja ta' dejjem tiegħu. Li kieku Ġesù bata u miet fuq is-salib, għalkemm bla ħtija, kien ikun biss vittma tal-vjolenza bħal ħafna bnedmin oħra fl-istorja. Iżda Ġesù miet mhux biex jibqa' vittma tal-mewt, imma biex jirbaħ il-mewt bil-qawmien tiegħu għal ħajja ġdida għalih innifsu u għal dawk kollha li jingħaqdu miegħu bil-fidi tagħhom fih.*

*Il-passjoni u l-mewt ta' Ġesù u l-qawmien tiegħu mill-mewt huma storja waħda; huma, biex ngħid hekk, dramm wieħed f'żewġ atti. Huma inseparabbli; jekk nifirduhom minn xulxin, il-wieħed u l-ieħor ikunu bla sens. Il-qawmien ta' Ġesù jagħti sens u tifsira lill-passjoni u l-mewt tiegħu.*



*Ġesù rebbieħ fuq il-mewt*
*Pittura ta' Orcagna - Seklu XIV, National Gallery, Londra*

## 1. L-Evanġelji tal-qawmien

Ngħidu "evanġelji", fil-plural, b'riferenza għar-rakkonti diversi u differenti li l-erba' Evanġelisti jagħtuna bħala xhieda tal-qawmien ta' Ġesù mill-mewt. B'kollox bejniethom l-erba' jirrakkuntaw 14-il episodju, mix-xhieda tal-qabar vojt sad-dehriet ta' Ġesù lin-nisa u lid-dixxipli. X'uħud minnhom huma l-istess b'differenzi żgħar u oħrajn għal kollox differenti jew proprji għal kull wieħed mill-Evanġelisti.

Fl-Evanġelji tagħna ma naqrawx l-istorja tal-qawmien ta' Ġesù mill-mewt. Din l-Evanġelisti ma setgħux jirrakkuntawha, għax ħadd ma ra lil Ġesù jqum mill-mewt u għalhekk ħadd ma seta' jixhed għal dan il-fatt li baqa' moħbi għall-bnedmin. L-Evanġelji ma jirrakkuntawx il-qawmien ta' Ġesù, iżda jitkellmu biss fuq episodji li ġraw wara l-qawmien tiegħu mill-imwiet. Dawn huma: il-qabar vojt, l-assenza tal-ġisem ta' Ġesù u d-dehriet tiegħu, l-ewwel lin-nisa u mbagħad lid-dixxipli. Dawn huma l-effetti u l-provi tal-qawmien ta' Ġesù. Minnhom id-dixxipli ta' Ġesù waslu biex għarfu u emmnu li hu kien qam tassew mill-

imwiet. Minnhom ukoll, għax huma fl-Evanġelji, aħna nagħrfu li Ġesù qam mill-mewt, u bihom inwettqu din il-fidi tagħna.

Imma, meta nqabblu bejniethom l-episodji tal-qawmien ta' Ġesù mill-mewt fl-erba' Evanġelji, nagħrfu li, għalkemm fuq linji ġenerali jaqblu bejniethom, juru wkoll differenzi kbar. L-istess rakkonti li huma fi tnejn jew tlieta jew fl-erba' Evanġelji, fihom tibdil, żidiet u tnaqqis. Oħrajn huma f'xi wieħed biss mill-erba' Evanġelji u neqsin mill-oħrajn.





*Fuq: Ġesù jidher l-ewwel lin-nisa. Beato Angelico (1387 - 1455), Firenze.*

*Isfel: Ġesù jidher lill-Appostli Duccio di Boninsegna (c. 1250 - c. 1312) Museo dell'Opera del Duomo, Siena.*

## 2. L-ewwel lin-nisa

Hemm qbil sostanzjali fl-istorja tan-nisa li marru l-ewwel lejn il-qabar, "kmieni ħafna fl-ewwel jum tal-ġimgħa", u l-qabar sabuh miftuħ u vojt. Din l-istorja jirrakkontawha l-erba' Evanġelisti (Mk 16, 1-8; Mt 28, 1-10; Lq 24, 1-11; Ġw 20, 1-10). Jaqblu ħafna bejniethom, imma f'ħafna dettalji ma jaqblux. Kollha jgħidu li kienu n-nisa l-ewwel li ħadu l-aħbar it-tajba tal-qawmien ta' Ġesù; tahielhom "anġlu", skond Mattew, "żagħżugħ", skond Marku, "żewġt irġiel", skond Luqa. Kollha jsemmu lil Marija ta' Magdala; in-nisa l-oħra li jsemmu m'humiex l-istess fl-erba' Evanġelji. L-erbgħa jgħidu li kienu n-nisa li ħabbru l-qawmien ta' Ġesù lill-Appostli. Tlieta minnhom - Marku, Mattew u Ġwanni - isemmu li Ġesù deher l-ewwel lin-nisa.

Barra minn dan il-qbil u wkoll id-differenzi fl-istorja taż-żjara tan-nisa lill-qabar ta' Ġesù, kull wieħed mill-Evanġelisti għandu xi rakkonti oħra tiegħu waħdu.

Mattew iġib l-istorja tal-għases mal-qabar (27, 62-66; 28, 11-15) u d-dehra ta' Ġesù lill-ħdax-il dixxiplu fil-Galilija (28, 16-20).

Luqa għandu d-dehra lid-dixxipli ta' Għemmaws (24, 13-35) u oħra lid-dixxipli li tagħlaq bit-tlugħ ta' Ġesù fis-sema (24, 36-53).

Marku jsemmi d-dehra lil Marija ta' Magdala (16, 9-11), oħra lil żewġ dixxipli (16, 12-13) u oħra lill-Ħdax li tagħlaq ukoll bit-tlugħ ta' Ġesù fis-sema (16, 19-20). Din il-parti (Mk 16, 9-20) ma tidhirx f'ħafna manuskritti antiki. Tidher li hi komposta minn elementi li huma fl-Evanġelji ta' Mattew - Luqa - Ġwanni u li żdiedet mat-test ta' Mark aktar tard.

## 3. Differenzi

Ġwanni għandu sezzjoni sħiħa b'rakkonti tiegħu biss jew bi ftit elementi li jaqblu ma' l-oħrajn. Qegħdin fl-aħħar żewġ kapitli (20 u 21) ta' l-Evanġelju tiegħu: Marija ta' Magdala, l-ewwel waħda li żaret il-qabar ta' Ġesù u sabitu vojt u l-ewwel waħda li rat lil Ġesù ħaj; iż-żjara ta' Pietru u Ġwanni lill-qabar, wara l-aħbar li tathom Marija ta' Magdala; id-dehra ta' Ġesù lid-dixxipli dak il-Ħadd filgħaxija u d-dehra l-oħra tmint ijiem wara, meta Tumas kien magħhom; id-dehra lil seba' dixxipli ħdejn il-Baħar ta' Tiberija bil-miraklu tal-qabda tal-ħut u bis-setgħa li Ġesù ta lil Pietru biex jleħu ħsieb il-merħla tiegħu. Differenza kbira fl-istejjer tad-dehriet ta' Ġesù wara mewtu hi dwar il-post fejn deher lid-dixxipli tiegħu. Id-dehriet imsemmijin f'Lq 24, fi Ġw 20 u fiż-żieda ta' Mk 16, 9-20 jingħad li saru f'Ġerusalemm. Dawk li jissemmew f'Mt 28 u fi Ġw 21 saru fil-Galilija; hekk ukoll juri l-kliem ta' Ġesù u ta' l-"anġlu" f'Mk 14, 28 u 16, 7.

Ma rridux inħollu din id-diffikultà billi ngħidu, kif kienu jgħidu x'uħud, li Ġesù l-ewwel deher lin-nisa u lid-dixxipli f'Ġerusalemm tul l-ewwel ġimgħa;

imbagħad id-dixxipli marru fil-Galilija u Ġesù dehrilhom hemm ukoll. Mir-rakkonti ta' l-Evanġelji ma jidhirx li kien hemm dan l-intervall bejn id-dehriet ta' Ġerusalemm u dawk tal-Galilija. Minn Mk 16, 7 u Mt 28, 7 nifhmu li d-dixxipli kellhom imorru mill-ewwel fil-Galilija biex jaraw lil Ġesù, u mhux l-ewwel jarawh f'Ġerusalemm, imbagħad fil-Galilija.

Nammettu li din hi diffikultà kbira u li mhijiex ħaġa ħafifa nsibu tweġiba għaliha. Aħjar niftakru fil-fatt li l-Evanġelji ħarġu mit-tradizzjoni li kien hemm qabel inkitbu fil-komunitajiet insara. Dan hu prinċipju li bih inħollu ħafna diffikultajiet oħra bħal din li magħhom niltaqgħu fl-Evanġelji. Hekk nistgħu nifhmu li r-rakkonti tad-dehriet ta' Ġesù ġejjin minn żewġ tradizzjonijiet, waħda li ssemmi l-Galilija u l-oħra Ġerusalemm.

Nifhmu wkoll li r-rakkonti ta' Lq 24 u ta' Ġw 20 huma motivati minn skop teoloġiku ta' l-Evanġelisti. Jidher li Ġwanni kellu f'moħħu l-ħsieb ta' l-Għid; għalhekk qiegħed iż-żewġ dehriet ta' Ġesù lid-dixxipli f'jum il-Għid - "dak il-Ħadd filgħaxija" u "tmint ijiem wara" (Ġw 20, 19. 26). Hekk ried juri li l-qawmien ta' Ġesù mill-mewt inawgura l-Għid il-ġdid, il-jum ġdid tiegħu - "Jum il-Mulej" (Apok 1, 10) - fl-ewwel jum tal-ġimgħa.

Luqa iqiegħed id-dehriet ta' Ġesù f'Ġerusalemm u wkoll it-tlugħ tiegħu fis-sema minn din il-belt skond il-ħsieb tiegħu ta' l-importanza li jagħti lil Ġerusalemm fil-ministeru ta' Ġesù fl-Evanġelju tiegħu mill-bidu sa l-aħħar. Ġesù inawgura l-missjoni tiegħu f'Ġerusalemm bil-preżentazzjoni tiegħu fit-Tempju (Lq 2, 2-38) u temmha f'Ġerusalemm bit-tlugħ tiegħu fis-sema (Lq 24, 50-53).

Fuq kollox irridu nżommu quddiem għajnejna li l-enfasi ta' l-Evanġelisti fir-rakkonti tad-dehriet ta' Ġesù mhijiex fuq il-post jew fuq xi partikular ieħor, iżda fuq il-fatt tad-dehriet lit-Tnax li kellhom ikunu x-xhieda tal-qawmien tiegħu mill-imwiet. Din kellha tkun il-kundizzjoni assoluta ta' l-appostolat tagħhom. Għalhekk ir-rakkonti tad-dehriet ta' Ġesù fl-erba' Evanġelji, minkejja d-differenzi ta' bejniethom, jaqblu kollha sostanzjalment fil-messaġġ waħdieni tagħhom: li Ġesù deher lit-Tnax biex ikunu x-xhieda tal-qawmien tiegħu mill-imwiet (Atti 10, 40-41).



*L-ikla f'Emmaus*
*Pittura ta' Caravaggio (1573 - 1609)*
*Milan, Pinacoteca di Brera*



*Ġesù fuq il-baħar tal-Galilija*
*Tintoretto (1518 -1594)*
*National Gallery of Art, Washington D.C.*

## 4. "Qam tassew"

"Il-Mulej qam tassew!" (Lq 24, 34). Din hi l-affermazzjoni assoluta u kategorika ta' l-Evanġelji tagħna. Il-qawwa tagħha qiegħda fuq il-kelma "tassew". Il-kelma Griega *òntos*, li naqraw fit-test oriġinali, tfisser xi ħaġa assolutament ċerta, li hekk hi tassew u bla dubju ta' xejn (ara Lq 23, 47 u oħrajn). Dan hu l-qawmien ta' Ġesù mill-mewt. L-Evanġelisti ma jgħidux biss il-kelma "tassew" biex jaffermaw ir-realtà tal-qawmien ta' Ġesù mill-mewt, iżda bi kliem u b'espressjonijiet wisq qawwija juru li huma fehmu jaffermaw il-verità assoluta ta' dan l-akbar miraklu.

L-ewwel storja hi dik tal-qabar vojt; meta marru n-nisa u mbagħad l-Appostli Pietru u Ġwanni l-qabar sabuh vojt u l-ġisem ta' Ġesù ma kienx hemm. B'daqshekk ma kienx ifisser li Ġesù kien qam mill-mewt. Il-fatt tal-qabar vojt seta' jiġi mfisser b'xi mod ieħor. Seta' kien xi ħadd li seraq il-ġisem tiegħu jew ħadu band'oħra. Hekk ħasbet għall ewwel Marija ta' Magdala (Ġw 20, 2. 15) u, kif jidher, l-Appostli wkoll (Lq 24, 11-12). Il-fatt tal-qabar vojt kien biss għalihom okkażjoni biex jaħsbu u jitħassbu u biex jitħejjew għad-dehriet ta' Ġesù.

Huma d-dehriet li kkonvinċew l-Appostli li Ġesù, li miet tassew, qam tassew mill-mewt u li reġa' ħa l-ħajja. Fir-rakkonti tad-dehriet, li kitbu l-Evanġelisti juru li huma fehmu jippreżentawhom bħala fatti veri, konkreti u reali. Dak li dehrilhom kien tassew Ġesù ta' Nazaret, li miegħu huma kielu u xorbu mhux biss fil-ħajja ta' qabel mewtu, iżda wkoll fil-ħajja ta' wara mewtu (Atti 10, 41). "Huma ressqulu quddiemu biċċa ħuta mixwija, u hu ħadha u kielha quddiemhom" (Lq 24, 43; ara Ġw 21, 9-13). B'din l-azzjoni materjali Ġesù ried jurihom li hu kien tassew, u l-istess wieħed li kien magħhom f'ħajtu. Hekk ukoll meta wriehom idejh u riġlejh u qalilhom biex imissuh (Lq 24, 36-40; Ġw 20. 20. 27; Mt 28, 9). Kien hu, mhux xi fantażma, kif ħasbu għall-ewwel id-dixxipli, iżda hu tassew bil-ġisem veru tiegħu (Lq 24, 37-39).

Bir-rakkont tad-dehriet ta' Ġesù wara mewtu l-Evanġelisti fehmu jaffermaw assolutament il-fatt veru u reali tal-qawmien tiegħu mill-mewt. "Il-Mulej qam tassew!" Għalhekk din kienet il-konvinzjoni ta' l-Appostli u l-fidi tagħhom, kif jixhdulna d-diskorsi ta' Pietru u ta' Pawlu fil-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli u t-tagħlim ta' Pawlu fl-ittri li ħallielna (1 Kor 15, 3-8). Ix-xhieda ta' l-Appostli ma tħallilna l-ebda dubju dwar ir-realtà tal-qawmien ta' Ġesù mill-mewt. San Luqa fil-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli jikkonferma bi kliem ċar din ir-realtà. Jgħid li Ġesù "wara l-passjoni tiegħu dehrilhom u tahom ħafna provi li hu ħaj" (Atti 1, 30).

Ġesù, li miet tassew, qam mill-mewt tassew u għadu ħaj tassew fil-glorja ta' Alla l-Missier. ❑

# Teleskopju fuq il-Ħajja



minn P. William AXIAQ OFMCap.

*"As a man thinketh in his heart, so is he".* Nissuktaw nirriflettu fuq dak li jiġri madwarna, ħalli nkomplu nsiru għaqlin skond l-għerf ta' Alla. Għidli x'tirrifletti u ngħidlek x'int.

## 1 IL-ĠUDIZZJU TA' ALLA WAĦDU

"Tiġġudikawx qabel il-waqt sa ma jiġi l-Mulej: hu għad joħroġ għad-dawl dak li hu moħbi fid-dlam, u jikxef il-fehmiet mistura tal-qlub. U mbagħad kull wieħed jieħu mingħand Alla t-tifħir li jkun jistħoqqlu" (1 Kor 4, 5). Ħafna minna mhumiex daqshekk paċenzjużi li kapaċi jistennew sa Jum il-Mulej, biex ikunu jafu sewwa xi jsarraf dak u x'issarraf dik. Tarahom jgħaddu verdett fuq l-għemejjel ta' l-oħrajn daqslikieku xejn, u ħafna drabi jmorru żmerċ bil-kif.

Dawn it-talin insibuhom fil-knisja jissendikaw lil kull min jidħol, u jtaqtqu fuqu. Issibhom fuq l-għatba tal-bieb u wara l-persjani jissajjaw sew fuq il-ġirien tagħhom. Ma jgħaddux jekk ma jagħmlux hekk. Moħħhom dejjem f'ħaddieħor. Ħaddieħor jaqa' spiss vittma tal-ġudizzji mgħaġġla u kattivi tagħhom.



Hawn ħafna ġudizzji temerarji fl-imħuħ u fuq fomm in-nies. Għax dik tiżbogħ xagħarha t-tali kulur, issib xi wħud jgħidu fuqha u jittimbrawha li hi mara mhux ta' l-affari tagħha. Dak, għax ikellem persuni omosesswali, jiġġudikawh li huwa bħalhom. Dak, għax ħiereġ bħala kandidat għall-politika jgħidu li se jagħmel hekk għax ħalliel u brigant. Dik, għax toħroġ ta' spiss matul il-ġimgħa mbiddla, jiġġudikawha li sejra titbaħrad. L-ieħor, għax isiefer ta' spiss matul is-sena, qed jagħmel hekk għax, disa' u disgħin fil-mija, qiegħed jittraffika d-droga. Dik għandha daqshekk proprjetà, għax tgħidx kemm qed tixxala minn fuq dahar ħaddieħor fin-negozju. Dak is-saċerdot, għax ikellem lil kulħadd, min jaf x'inhu jħawwad minn taħt. Dik il-persuna tgħaddi ta' spiss mit-tali triq għax moħħha fit-tali raġel miżżewweġ, u ma noqgħodx kwieta qabel ma almenu tarah ftit ...

Meta nkunu ħżiena f'qalbna żgur li ngħaddu ġudizzji qabel il-waqt fuq l-oħrajn. F'dan il-każ, ninsew kliem il-Kotba Mqaddsa, meta jgħidulna: "Kollox hu safi għal min hu safi" (Tit 1, 5). Tagħna ħafna drabi nagħtuh lill-oħrajn u ntaqqlulhom ħajjithom. Dawn jaqgħu vittmi tal-ġudizzji mgħaġġla u ferfuxin tagħna. L-ispiżjar milli jkollu jagħtik. Hux hekk ngħidu bil-Malti? U veru. Imma l-ispirtu ta' Ġesù fina jgħidilna b'aċċent qawwi biex ma niġġudikawx, ħalli ma nkunux iġġudikati, ma nikkundannawx, ħalli ma nkunux ikkundannati, għax bl-istess kejl li nkejlu 'l-oħrajn jiġi mkejjel lilna (Lq 6, 37-38).

Biex naqtgħu dan id-difett, irridu naħdmu ħafna fuqna nfusna, billi nitgħallmu nagħdru u nħennu. Fil-*"Leggenda dei Secoli"*, Victor Ugo jgħid dawn il-kelmiet, ta' raġel kbir li kien: "Qatt tinsultaw mara li tkun waqgħet fid-dnub. Min jista' jgħid taħt liema toqol ikun ġralha hekk?" U awtur ieħor ta' qalb nobbli u sensittiva qal: "Dik il-mara, li matul il-ġurnata tkun qed titlajja mat-triq, bil-lejl, meta tkun rieqda, f'qalbha jkollha rokna li fiha tkun qiegħda tqim 'l Alla".

Mela, għax tara t-tibna li hemm f'għajn ħuk u m'intix tinduna bit-travu li għandek f'għajnejk?" (Mt 7, 3-5). Jew insejt li Alla qed jimxi miegħek ta' missier ħanin, billi kontinwament qed jagħlaq għajnejh għad-dnubiet tiegħek li, forsi, huma mistura għan-nies u huma agħar minn ta' dawk il-talin li inti tħobb taqta' sentenza ħażina fuqhom?

Nagħlaq b'espressjoni mimlija umanità u spiritwalità li ħarġet mill-qalb ħanina ta' San Franġisk ta' Assisi: "Ħadd minn ħutek, li jkun dineb, ma għandu jħares lejn għajnejk u jitlaq minn quddiemek mingħajr ma jħossu ċert f'qalbu li inti diġà ħfirtlu bil-qalb".

## 2 GIDBA "BAJDA"

Ċerti persuni, huma u jistqarru dnubiethom fil-qrar, jgħidulek li gidbu. Malli jgħidulek hekk, fil-ħin u l-mument jgħaddu biex jiġġustifikaw ruħhom mill-gidba billi jiġbdulek l-attenzjoni li l-gidba li qalu ma kinetx kbira imma żgħira ... *"white lie"*.

Gidba żgħira jew kbira, bajda jew sewda, tibqa' dejjem gidba, ksur tal-liġi ta' Alla, u għandha tiġi evitata. Irridu noqogħdu attenti minn dak l-imbierek aġġettiv *"white"* mehmuż mal-kelma "gidba", għaliex ma jrid xejn biex iġagħalna nagħlqu għajnejna, fejn suppost inżommuhom miftuħin beraħ. Ġesù għallimna li min mhuwiex fidil fil-ftit lanqas hu fidil fil-wisq (Lq 16, 10).



Meta ngħidu gidba żgħira, irridu nintebħu bil-ħażen tagħha, u ma jaqblilniex niskużaw ruħna bil-konsolazzjoni fiergħa li kienet gidba żgħira. Jekk inkomplu nġibu ruħna hekk, qatt ma nieħdu r-ruħ spiritwalment u moralment. Il-Mulej Ġesù qalilna ċar u tond: "Mela ħa jkun id-diskors tagħkom, 'Iva, iva'; 'Le, le'; kull ma hu iżjed minn hekk ikun ġej mill-Ħażin" (Mt 5, 37). Gidba tkun żgħira kemm tkun żgħira, bħalma tista' tkun waħda kbira, ngħiduha għax inkunu mġegħlin nagħmlu hekk mill-ħażin li jkun hemm moħbi fil-fond ta' qalbna. Qabel niċċaraw hemm ġew, ma nkunux nistgħu nikkoreġu l-imġiba tagħna minn barra.

Bin Sirak jgħidilna: "Gidba hi tebgħa kerha fuq bniedem, u qiegħda l-ħin kollu fuq fomm nies bla manjieri" (20, 24).

Wara li smajt dan il-kliem li jdawwal, tista' tkompli tigdeb jekk tkompli tirrifletti tassew fuq il-kruha tal-kliem b'ieħor?

## 3 KATTIVI BIL-PULIT

San Ġakbu jikteb: "Jekk xi ħadd ma jiżbaljax f'dak li jgħid, dan ikun perfett, kapaċi jrażżan ġismu kollu" (3, 2). Imma lkoll kemm aħna għadna ma tgħallimniex inħobbu tassew, bid-dettal u b'għassa kbira fuqna nfusna. Il-preċett ta' l-imħabba jitlob ħafna attenzjoni



premuroża, biex inħarsuh bir-reqqa. Huwa valur li ma rridu xejn biex intappnuh, jew inxellfuh.

Fil-ħajja ta' kuljum tiġri xi ħaġa inkrepattiva ħafna. Jiġu fuqna ċerti ċirkostanzi li ma jridu xejn biex jaqbduna fuq sieq waħda u juruna biċ-ċar li għadna lura milli nħobbu fis-soċjetà.

Ġieli niltaqgħu ma' nies u jsemmulna persuni jew li mietu, jew li ġratilhom xi diżgrazzja, jew li rebħu xi ħaġa, jew li ż-żwieġ tagħhom falla, jew li laħqu ... Aħna, forsi, bl-ebda mod ma nkunu nistgħu niġu fiha fuq min qegħdin ikellmuna. Il-persuni li jagħtuna l-informazzjoni, biex iħaddmulna l-memorja - ara x'ħażen hemm fil-bniedem! - forsi nintebħu dwar min qegħdin ikellmuna, ħafna drabi, jaqgħu f'ċerti banalitajiet li jkasbru tassew il-virtù ta' l-imħabba, li hi delikata ħafna.

Dawn il-persuni tarahom jaqgħu fin-niexef u jibdew jaqilgħu l-ħama fuq il-membri familjari ta' dik il-persuna li tkun ħarbet minn moħħ min ikunu qegħdin ikellmu. Tismagħhom jgħidu lill-persuna li ma tkunx tista' tiġi fiha fuq min qed ikellmuha: "U x'ma tafx min hi! Dik li għandha oħtha fit-tali triq li dan l-aħħar ħalliet lil żewġha u issa qiegħda tgħix ma' raġel ieħor!" "U dak li għandu ħuh il-ħabs għax kien inqabad jisraq!" "U dik li oħtha kellha tiżżewweġ malajr!" "U dak li oħtu, dan l-aħħar, inqabdet tittraffika l-eroina!" "U dik li għandha binha l-kbir magħruf sakranaz mill-kbar!" "U dak għandu zitu tgħidx kemm tiġri, ir-raħal kollu jgħid fuqha!"

F'ċirkostanzi bħal dawn, kemm hu diffiċli nġibu fiha persuna fuq min qegħdin inkellmuha, billi nsemmu dak li hu sabiħ u pożittiv fuq il-membri, jew il-qraba ta' dik il-persuna li dwarha jkun waqa' d-diskors. Altru li kellu mitt elf raġun l-Appostlu li semmejt fil-bidu joħroġ b'dawk il-kelmiet li tant fihom x'tomgħod. ❑



# TANZANIJA

# Armla darbtejn ta' 34 sena b'ħamest itfal

minn P. Silvestru Bonavia OFMCap

Kien il-bidu ta' Frar li għadda, xi l-ħdax ta' filgħodu. Kont sejjer ftit il-knisja wara li dak inhar kont lestejt mill-ħafna nies li kull filgħodu, minn mindu tispiċċa l-quddiesa, ma jleqfu qatt ġejjin u sejrin, min għal ħaġa u min għal oħra.

Ħsibt li għal dak inhar kien biżżejjed.

Ħdejn il-bieb, bilqiegħda fl-art, nara mara żagħżugħa, ma tagħtihiex wisq aktar minn tletin sena, b'żewġt itfal magħha, bi ftit li xejn ilbies fuqhom, jekk dawk iċ-ċraret tista' qatt issejħilhom ilbies. Ħsibt li kienet waħda bħal tas-soltu, li ġiet titlob xi ftit għajnuna.



Ippruvajt ninsa li kont sejjer il-knisja nitlob. Imma malajr ġieni ħsieb li jekk verament nemmen kliem Kristu: "Dak li tagħmlu ma' l-iżgħar fost ħuti tagħmluh miegħi" u "Kont bil-ġuħ u tmajtuni ... kont għeri u libbistuni ..." rajt li jekk nitkellem ma' din il-mara u ż-żewġ uliedha stajt nagħmel l-isbaħ talba!

Stedintha tidħol fl-uffiċċju li fih anki l-iktar fqar ma jħossuhomx barra minn posthom, post sempliċi kemm jista' jkun.

"Inti x'jismek?" staqsejtha.

"Gabriella" kienet pronta weġbitni.

"U t-tfal?"

"Barra dawn it-tnejn għandi tlieta oħra. Il-kbira jisimha Ester, oħra Marija u mbagħad Joseph; u dawn it-tnejn li għad m'humiex imgħammda."

Kelma ġġib lill-oħra, qaltli għalfejn ġiet: "Il-ġimgħa l-oħra bagħtu lit-tifel u t-tifla mill-iskola għax ma għandhomx uniformi; u kif taf issa għadda xahar minn meta bdiet l-iskola; mingħajr uniformi ma jistgħux jibqgħu jiġu aċċettati. U jien ma għandix biex nixtrilhom qmis, qalziet u dublett."

Naf li bi ftit flus - daqs żewġ liri Maltin - stajt ngħinha bħalma għent oħrajn, imma bħal ma nagħmel kważi dejjem ridt niskopri għaliex ma setgħetx tixtrilhom lit-tfal dak li kienu jeħtieġu!

U qaltli: "Jien iżżewwiġt meta kelli 18-il sena; imma wara sitt snin miet ir-raġel li ħallieli żewġt itfal bniet. Imbagħad iltqajt ma' ieħor li kien tabib; konna ħafna kuntenti; kien iħobb ħafna lil uliedi u minnu kelli tifel u tifla. Imma f'daqqa waħda marad u f'qasir żmien miet ukoll. Ftit ilu kelli l-aħħar tarbija li nixtieq ngħammidha mat-tifla ta' qabilha."

Dan mhux rakkont sempliċi daqs kemm jidher. Ħafif tikteb erba' kelmiet li warajhom hemm storja umana ta' qsim il-qalb!

Infatti, dak il-ħin ħarist ftit lejn Gabriella, u fuq wiċċha u l-ħarsa miksura ta' għajnejha rajt ħajja ta' tbatija u wġigħ mhux komuni. Ftakart fl-istorja ta' l-

Evanġelju ta' dik il-mara li kienet iżżewġet seba' darbiet wara xulxin.

Fuq kollox Gabriella kellha bżonn tirranġa s-sitwazzjoni tagħha avolja l-Ħadd, meta kienet tista', kienet tagħmel minn kollox biex tiġi mat-tfal il-knisja. Qaltli li t-tieni tifla kienet qed titħejja għall-Griżma tal-Isqof, waqt li t-tifel ta'11-il sena kien fit-tielet klassi jħejji ruħu għall-Ewwel Tqarbina.

Barra dan kollu, wara li komplejna d-diskursata, skoprejt ukoll li dil-mara b'ħamest itfal kellha bżonn ħtiġiet oħra għad-dar, l-ikel kien nieqes għat-tfal, tgħix fuq il-ġurnata biss. Anki xi ftit ħwejjeġ kienu jeħtieġu. Bħas-soltu, f'każi simili, mort malajr għand waħda mill-familji li jgħinuni ħafna niskopri l-verità, jew kważi, f'każi simili. Sa dan it-tant, dil-familja lestiet xi ħaġa ta' l-ikel għal Gabriella u ż-żewgt it-tfal. L-għada sibna li Gabriella kienet sinċiera u hekk f'qasir żmien għamilna minn kollox biex it-tfal ikollhom l-uniformi ta' l-iskola ħalli jmorru malajr u ma jkomplux jitilfu l-lezzjonijiet. Rajna li kien hemm kontribuzzjonijiet li t-tfal riedu jħallsu għall-fond ta' l-iskola.

Ħallasnielhom dawn ukoll. Ipprovdejt xkora qamħirrun għall-ikel tagħhom, u xi ħaġa oħra. Fuq kollox, din il-familja baqgħet issegwi lil Gabriella u lil uliedha; rajna li t-tfal ikomplu l-katekiżmu. I lekk, fil-Għid stajt ngħammed liż-żewġ uliedha ż-żgħar. Issa it-tifel jirċievi l-Ewwel Tqarbina f'Awissu waqt li t-tifla tirċievi l-Grizma ta' l-Isqof f'Novembru mat-tfal l-oħra.

**Barra Gabriella hawn diversi. L-istorja tagħha tirrepeti ruħha f'ħafna ommijiet oħrajn. Bħal uliedha hemm mijiet ta' tfal oħra fl-etajiet kollha.**





Barra Gabriella hawn diversi. L-istorja tagħha tirrepeti ruħha f'ħafna ommijiet oħrajn. Bħal uliedha hemm mijiet ta' tfal oħra fl-etajiet kollha. Il-gwaj hu li mhux kollha xxurtjati jkollhom omm tieħu ħsiebhom hekk. Imma anki lil dawn nipprova ngħinhom ukoll skond il-mezzi.

Wara li rajt lil Gabriella sejra kuntenta lejn id-dar, għedt bejni u bejn ruħi: "Min jaf min kien l-iktar kuntent: hi jew jien?" U xħin mort il-knisja nitlob, tlabt għaliha u għalikom li għentuha. ❑

L-indirizz ta' Fr. Silvestru Bonavia huwa:

*Capuchin Friary*
*Ruhuwiko*
*Catholic Mission*
*P.O. Box 647*
*Songea*
*Tanzania*





# Għal min inkiteb l-Evanġelju ta' San Mattew

minn P. Martin MICALLEF OFMCap

IR-RABA' PARTI

***F'dan l-artiklu ser nistaqsu mistoqsija oħra flimkien ma' dawk li għamilna s'issa f'din is-serje: għal min kiteb dan l-Evanġelista, u min hu tassew l-awtur ta' dan l-Evanġelju? Din l-informazzjoni nistgħu niġbruha mill-istess Evanġelju, billi nippruvaw naraw jekk dan l-Evanġelju ħallilniex xi indikazzjonijiet dwar dan.***



*Il-maġi li ġew mill-bogħod biex jaduraw lis-Sultan li twieled.*



*Minjatura Armena li turi lil San Mattew jikteb l-Evanġelju tiegħu.*

Jidher fiż-żgur li l-Evanġelju ta' San Mattew hu ta' xejra Lhudija. Huwa jagħmel użu kbir mit-Testment il-Qadim billi jikkwota direttament minnu. Dan juri li kemm l-Evanġelista kif ukoll l-udjenza tiegħu kienet midħla sewwa ta' dak li aħna l-Insara nsejħulu t-Testment il-Qadim. Huwa jqabbel lil Ġesù ma' xi wħud mill-personaġġi tat-Testment il-Qadim, bħal Mosè u Ġona, biex bħal donnu jgħaqqad lil Ġesù ma' l-istorja ta' Iżrael. Fuq kollox, San Mattew jippreżenta lil Ġesù bħala l-Messija "bin David, bin Abraham" (Mt 1: 1). Hekk jiftaħ dan l-Evanġelju, u b'din in-nota mill-ewwel jitfa' lil Ġesù fil-linja tal-wegħda li Alla kien għamel ma' Abraham, li fih kellhom jitbierku l-ġnus kollha, u ma' David, li min-nisel tiegħu kellu jitwieled il-Messija.

Min-naħa l-oħra, f'dan l-Evanġelju nsibu wkoll bosta materjal li jidher indirizzat kontra l-Lhud. Hekk, per eżempju, Mattew jikkritika bl-aħrax lill-Kittieba u lill-Fariżej, il-mexxejja spiritwali tal-Lhud. Biżżejjed jekk wieħed jaqra l-kapitlu 23 biex mal-ewwel jinduna bit-ton iebes li dan l-Evanġelista jitfa' fuq fomm Ġesù. Hemm ukoll oppożizzjoni kontra Ġesù sa mill-ewwel paġni ta' dan l-Evanġelju, fejn, għall-aħbar tat-twelid ta' Ġesù, "is-sultan tal-Lhud" (Mt 2: 2), "Ġerusalemm kollha" (Mt 2: 23), li kienet tinkludi wkoll lill-"qassisin il-kbar u l-kittieba kollha tal-poplu" (Mt 2: 4), "tħawdu" flimkien ma' Erodi f'kuntrast mal-Maġi [li kienu pagani] li ġew mill-bogħod biex "jaduraw" lis-sultan li twieled. Dan l-antagoniżmu kontra Ġesù jkompli matul in-narrattiva kollha f'dan l-Evanġelju sakemm iwassal għall-mewt ta' Ġesù bid-dikjarazzjoni li nsibuha biss





*Fuq: Dehra mill-għoli ta' Kafarnahum (is-sinagoga fuq ix-xellug u d-dar ta' Pietru fuq il-lemin).*

*Lemin: Is-sinagoga ta' Kafarnahum.*

f'dan l-Evanġelju li ntużat ħafna kontra l-Lhud matul l-istorja tal-Kristjaneżmu: "Demmu fuqna u fuq uliedna!" (Mt 27: 25).

Xi ħaġa oħra li rridu ninnutaw hija li San Mattew jirreferi għas-sinagoga bħala "is-Sinagoga TAGĦHOM" (ara Mt 4: 23; 9: 35; 10: 17; 12: 9; 13: 54), espressjoni li turi li kien hemm firda bejn is-segwaċi ta' Ġesù u l-kumplament tal-komunità Lhudija. Fil-parabbola ta' sid il-għalqa tad-dwieli, naraw kif is-sid jikkastiga lill-bdiewa li kien qabbadhom jieħdu ħsieb il-għalqa talli kienu sawtu u qatlu lill-qaddejja tiegħu u lill-Ibnu stess.

Għall-mistoqsija li jagħmel Ġesù: "Issa sid il-għalqa x'jagħmlilhom lil dawk il-bdiewa meta jiġi?" (Mt 21: 40), it-tweġiba hija: "Jeqridhom bla ħniena, ta' ħżiena li huma, u l-għalqa jqabbilha lil bdiewa OĦRA" (Mt 21: 41). Wara din it-tweġiba jidher kif Alla (sid il-għalqa) kien ħa ħsieb b'għożża kbira lill-għalqa tad-dwieli tiegħu (Iżrael), u pprovda bdiewa (lill-mexxejja spiritwali Lhud) li mhux biss qatlu lill-qaddejja tas-Sid (il-profeti) imma wkoll lill-Ibnu (Ġesù) billi "xeħtuh 'il barra mill-għalqa u qatluh" (v.39). Din hi riferenza għall-mewt ta' Ġesù li wkoll ġie msallab barra l-ħitan ta' Ġerusalemm. Il-kastig huwa ċar: is-sid se jittrasferixxi din l-għalqa lil BDIEWA OĦRA, jiġifieri, il-Lhud se jitilfu dak li s'issa kienu gawdew, ċioè, l-*istatus* speċjali tagħhom ta' wlied Alla u dan jingħata lill-"Knisja".

Huwa għalhekk li f'kuntrast mas-sinagoga tal-Lhud, San Mattew huwa l-uniku Evanġelista li jsemmi l- "Knisja" [bil-Grieg: *ekklesia*], (Mt 16: 18; 18: 17), kelma li tirrifletti realtà stabilita sewwa fi żmien li fih kien qed jikteb San Mattew, għalkemm dan l-Evanġelista jitfa' dan il-kliem fuq fomm Ġesù.

Il-mistoqsija li rridu nagħmlu hawnhekk hija għaliex San Mattew jitkellem daqshekk aħrax fuq il-Lhud u għalfejn jitkellem fuq il-Knisja? Din hija mistoqsija importanti ħafna fl-istudji ta' dan l-Evanġelju li biex inweġbuha rridu nistaqsu mistoqsija oħra: il-Knisja li għaliha kien qed jikteb San Mattew kienet għadha tagħmel parti mill-komunità Lhudija, jiġifieri, mis-Sinagoga tal-Lhud, jew inkella l-Knisja li għaliha kiteb San Mattew kienet diġà nqatgħet għal kollox mis-Sinagoga TAGĦHOM u bdiet issa ddur lejn il-ġnus pagani biex dawn ukoll jifhmu li huma wkoll jistgħu jiffurmaw parti mill-poplu ta' Alla? Mhux faċli nwieġbu għal din il-mistoqsija, u l-istudjużi tal-Bibbja mhux kollha jaqblu fuq it-tweġiba għal din il-mistoqsija.

Minn naħa għandna lil dawk li huma tal-fehma li l-Knisja ta' San Mattew kienet inqatgħet għal kollox mill-Ġudaiżmu li f'dak iż-żmien kien immexxi mill-Fariżej. Huwa għalhekk li San Mattew jitkellem mis-Sinagogi TAGĦHOM, biex juri li l-Knisja tiegħu m'għandhiex x'taqsam aktar mal-Lhud. Min-naħa l-oħra, imbagħad, studjużi oħra huma tal-fehma li l-Knisja ta' San Mattew kienet għadha tagħmel parti mill-Ġudaiżmu. Biex isaħħu l-pożizzjoni tagħhom huma jikkwotaw, fost l-oħrajn, l-episodju ta' meta Ġesù talab lil Pietru jmur jistad, u f'ħalq il-ħuta sab munita li biha kellu jħallas it-taxxa tat-Tempju (ara Mt 17: 24-27). Ir-raġuni l-għala Ġesù ħallas it-taxxa f'dan l-



*Muniti ta' żmien Ġesù.*

episodju hija biex ma jkunx ta' skandlu għal-Lhud. Dawn l-istudjużi jistaqsu: kieku l-Knisja, li għaliha kiteb San Mattew, kienet inqatgħet għal kollox mill-Ġudaiżmu, għaliex dan l-Evanġelista kien ser jinkludi dan ir-rakkont fil-kitba tiegħu? L-istess, f'Mt 23: 2-3, naqraw kif Ġesù jħeġġeġ lid-dixxipli biex jirrispettaw l-awtorità tal-Kittieba u l-Fariżej, avolja d-dixxipli ma kellhomx jagħmlu bħal dawn il-mexxejja. Mill-ġdid l-istudjużi jistaqsu: kieku San Mattew kien inqata' għal kollox mill-Ġudaiżmu, għaliex kien ser joqgħod jinħela jgħid li d dixxipli għandhom jirrispettaw din l-awtorità? Għalkemm dawn l-argumenti għandhom xi ftit tal-piż, b'danakollu jidhru li ma jissuperawx l-argumenti ta' l-ewwel kategorija. Il-komunità li għaliha kiteb San Mattew jidher li kienet entità separata mis-Sinagoga tal-Lhud. Hemm "huma" u hemm "aħna." Din hija l-impressjoni li tieħu meta taqra dan l-Evanġelju.

Il mistoqsija l oħra li nixtiequ nwieġbu għaliha hija: min kiteb dan l-Evanġelju? L-ebda Evanġelju mhuwa iffirmat. L-ismijiet ta' l-Evanġelisti attribwiti lil kull Evanġelju ġew wara. Fl-Evanġelju ta' San Mattew insibu l-episodju tas-sejħa ta' "Mattew" il-pubblikan (Mt 9: 9), isem li l-Evanġelista biddel minn dak li sab f'San Mark, li jsejjaħ lil dan ir-raġel "Levi" (Mk 2: 14). Fil-lista ta' l-ismijiet ta' l-appostli li nsibu f'Mt 10: 3, dan l-Evanġelista jerġa' jirreferi għal Mattew u jidentifikah bħala "il-pubblikan." Minħabba din il-bidla fl-isem, sa mill-ewwel żminijiet tal-Knisja, dan l-Evanġelju ġie attribwit lil San Mattew. L-ewwel referenza għal dan ġejja minn Papias, Isqof ta' Hierapolis, fl-Asja Minuri. Il-kumment ta' Papias wasal għandna permezz tal-kitbiet ta' Ewsebju (260-340 W.K.), li kien Isqof u kittieb ta' l-istorja tal-Knisja. Il-kumment ta' Papias jgħid hekk: "Issa Mattew, għalhekk, irranġa **l-kliem** [bil-Grieg: *ta logia*] skond **id-djalett Lhudi** [bil-Grieg: *hebraidi dialekto*],u kull wieħed interpretah kif seta'."

Dan juri li skond Papias, San Mattew kiteb bil-Lhudi jew bl-Aramajk. Iżda kif rajna diġà f'din is-serje ta' artikli, jidher li San Mattew, meta kiteb, kien qed jikkopja minn fuq San Mark, li dan inkiteb bil-Grieg u mhux bil-Lhudi! Xi wħud huma tal-fehma li qabel dan l-Evanġelju ta' San Mattew kif inhu issa, kien hemm edizzjoni iqsar miktuba bl-Aramajk jew bil-Lhudi, li għaliha qed jirreferi Papias, li mbagħad ġiet elaborata u miktuba bil-Grieg. Hija din tat-tieni li aħna għandna f'idejna, għaliex l-Evanġelji kollha huma miktuba bil-Grieg.

Dwar id-data ta' meta seta' nkiteb dan l-Evanġelju mhuwiex lanqas faċli li niddeterminaw b'mod eżatt. Jidher li San Injazju ta' Antijokja, li miet fis-sena 107 W.K., kien familjari ma' dan l-Evanġelju għaliex fil-kitbiet tiegħu jikkwota minnu. Għalhekk, l-Evanġelju ta' San Mattew ma jidhirx li nkiteb aktar tard mis-sena 100 W.K. Jidher ukoll li nkiteb wara l-qerda tat-Tempju ta' Ġerusalemm, li saret fis-sena 70 W.K., għaliex fil-kitba tiegħu dan l-Evanġelista jagħmel referenza indiretta għal dan l-avveniment meta jikteb f'waħda mill-parabboli li s-sultan "ħaraq" il-belt (Mt 22:7), l-istess kif għamlu r-Rumani minn Ġerusalemm. Minħabba dawn ir-raġunijiet, ħafna studjużi jżommu li l-Evanġelju ta' San Mattew aktarx li nkiteb bejn is-sena 80 u 90 W.K. ❑



*Mudell tat-Tempju ta' Ġerusalemm qabel ma' nqered mir-Rumani fis-sena 70 W.K.*

# Randan ta' Salvazzjoni

minn Bro. Andrè AZZOPARDI OFMCap.

Skond għejun ewlenin li għandna, jidher ċar li San Franġsik kien iħares bosta iżmna ta' penitenza matul is-sena. Ir-Randan, li jħejji għaċ-ċelebrazzjoni tal-misteru ta' l-Għid: il-mewt fuq is-salib, id-difna u l-qawmien mill-mewt tal-Mulej, kien iż-żmien li għal Franġisku fisser li hu kellu jwieġeb b'mod sħiħ għall-imħabba ta' Alla li "ħabb lil tiegħu sa l-aħħar" (Ġw 13, 1). Fi żmien ir-Randan, l-Ispirtu jieħu lil kull wieħed minna u l-Knisja fid-deżert biex b'hekk inkunu nistgħu ngħixu l-misteru ta' l-Għid.

Franġisku skopra lil Alla meta dan ried ikellmu f'qalbu fid-deżert. Hawn kull bniedem hu mqiegħed għall-prova. Hekk kif Alla ried li Iżrael jgħaddi mid-deżert biex jiffurmah, u b'hekk jidħol fl-art imwiegħda, hekk ukoll hu jsejjaħ lilna biex nidħlu fi żmien ta' tisfija għaliex hu fid-deżert li qalbna tikseb il-veru ħelsien.

F'din il-prova, il-Mulej iridna għalih u miegħu. Għalhekk jixtieq li aħna nobdu leħnu li qed jistedinna biex nimxu fi triqtu anke jekk din tkun diffiċli. "It-triqat tiegħi mhumiex triqatkom." Id-deżert hu magħmul minn gżira ta' ħemda u silenzju, fejn Alla juri lilu nnifsu lilna u aħna ninfetħu għalih.

Fil-mard u fil-ħabs, Franġisku jgħaddi minn dan id-deżert. Fit-Testment tiegħu hu jsejjaħ il-ħajja tiegħu u ta' l-aħwa bħala mezz ta' penitenza msejsa fuq it-talb. Dan jinsab ukoll fir-Regola Franġiskana li tisħaq fuq spirtu ta' talb marbut maċ-ċaħda tiegħek innifsek: "Ma jitfux fihom il-ħeġġa għat-talb u għad-devozzjoni li lejhom kull ħaġa maħluqa għandha tressaq" (Reg 5).

Hu għalhekk li l-Knisja tgħaqqad dan iż-żmien mas-smigħ tal-Kelma ta' Alla u l-ħeġġa għat-talb li nsibu fil-quddiesa, fis-salmi u fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi marbuta ma' dan iż-żmien, l-aktar fis-sagrament tar-rikonċiljazzjoni ma' Alla.

It-talb isaħħaħ kull ċaħda. Fl-ittra tiegħu lill-fidili kollha, San Franġisk jikteb: "Għandna nagħmlu frott xieraq ta' penitenza." U għalhekk li "imdawwal minn Alla mar fuq gżira fix-xmara Trasimeno. Billi ma kienx hemm lok fejn seta' joqgħod, għamel b'idejh stess għarix fejn intilef jitlob u jikkontempla l-ħolqien ... u



San Franġisk mitluf f'estasi.
C. Saraceni (1586-1620)
Knisja tar-Redentur,
Kapuċċini - Venezja.

dan biex jixbah lil Kristu li għadda erbgħin jum sajjem fid-deżert" (FF 1835). Kien dan li ġagħlu jordna lil ħutu biex jgħaddu r-Randan kollu jsumu u jishru (Reg. 3).

"Għassu sewwa u ċċaħħdu minn kull ħażen, u komplu sa l-aħħar fil-għemil it-tajjeb" (Fram-RegNB 3).

# SAN FRANĠISK FL-ARTI
# Monumenti u Statwi

IR-RABA' PARTI

minn P. Martin MICALLEF OFMCap

***Ser inkomplu din is-serje dwar statwi ta' San Franġisk t'Assisi. Minħabba li ninsabu fi żmien ir-Randan, nixtieqin li f'din il-ħarġa nippreżentaw xi wħud mill-istatwi li juru lill-Fqajjar t'Assisi f'rabta mas-salib, li tiegħu kellu devozzjoni kbira, kif jixhdu dawk li kitbu l-ħajja tiegħu.***



**1.** L-ewwel statwa hija dik li nsibu fis-Santwarju Franġiskan ta' Fontecolombo-Rieti ġewwa l-Italja. Din hija statwa ta' l-injam maħduma fis-seklu XVII li turi lil San Franġisk f'riġlejn Ġesù Mislub. Bħal Ġesù kurċifiss, San Franġisk kien ukoll iġib f'ġismu l-marki tal-pjagi, u dawn kienu jfissru wġigħ kbir. Tajjeb li nżidu li kien f'dan il-post ta' Fontecolombo fejn San Franġisk saritu operazzjoni f'għajnejh li fiha daħlulu mill-ġenb ta' għajnejh ħadida tikwi.



**2.** Statwa oħra sabiħa turi lill-Fqajjar t'Assisi mgħannaq mas-salib. Din l-istatwa tinsab f'Murcia fi Spanja u hija xogħol ta' l-iskultur Sanchez Lozano. Din l-istatwa hija mnebbħa mill-pittura famuża ta' Murillo, li fiha naraw lil San Franġisk li qed jersaq lejn Kristu permezz tad-dinja li fuqha qed iserraħ riġlejh il-leminija.

3. L-istatwa li tidher fuq il-lemin tinsab fl-hekk imsejjaħ għar ta' San Franġisk li hemm fil-kunvent ta' Santa Marija ta' l-Anġli barra l-ħitan t'Assisi. L-istatwa tirrapreżenta l-waqtiet twal ta' talb li San Franġisk kien jgħaddi quddiem ix-xbieha ta' Ġesù Mislub.





5. Statwa ċkejkna tax-xemgħa hija dik li nsibu fil-knisja tal-Kapuċċini, iddedikata lis-Salvatur ġewwa Venezja fl-Italja *(ritratt isfel)*. San Franġisk, li hu liebes il-kapoċċ f'rasu, hu ppre-żentat fi stat ta' tbatija minħabba l-pjagi bil-marki ta' l-imsiemer fuqhom li jidhru sewwa f'idejh u f'riġlejh. B'idu l-leminija, imbagħad, qed jgħannaq miegħu lis-salib, li quddiemu kien jibki ħafna meta kien jiftakar f'dak kollu li għadda minnu Ġesù Kristu biex jifdina mid-dnub tagħna.



4. Fil-Monasteru tas-Sorijiet Klarissi ta' Bagnacavallo ġewwa l-Italja, jew aħjar kif inhu magħruf bħala l-Monasteru ta' San Ġwann Battista, insibu din l-istatwa sabiħa ta' San Franġisk t'Assisi li hu rappreżentat f'estasi ta' talb quddiem l-għuda tas-salib, bil-ktieb ta' l-Evanġelju ħdejh li fuqu qed isserraħ ras ta' mewt *(ara ritratt fuq)*.



Il-Knisja f'Kuba matul is-Seklu XX

# It-Tieni Perjodu: 1959 - 1964

minn P. Philip Cutajar OFMCap

IR RABA' PARTI

F'Novembru tas-sena 1959, il-Knisja organizzat Kungress Nazzjonali li kien il-quċċata tad-diversi ħidmiet li l-istess Knisja kienet diġà wettqet għall-għaqda u r-rikonċiljazzjoni nazzjonali f'Kuba. Għal dan il-Kungress kien hemm sehem qawwi u attiv ta' ħafna sekulari Kattoliċi involuti bħala protagonisti fl-istorja ta' pajjiżhom għal dik l-epoka, fosthom ukoll l-awtoritajiet prinċipali tar-rivoluzzjoni li kienet qed titwieled. Għall-quddiesa ta' l-għeluq ta' dan il-Kungress attendew nies bl-eluf, kollha ħerqana li jaraw f'pajjiżhom mill-ġdid issaltan il-paċi fil-libertà. Dak inhar, il-poplu Kuban seta' jisma' l-vuċi tal-Papa Ġwanni XXIII b'messaġġ minn Ruma: "Is-sejħa tan-nazzjon sabiex jgħix l-għaqda u l-ordni soċjali tal-poplu bħala ġid komuni għandha takkwista prijorità fil-ħafna ħidmiet li l-istess poplu għandu jwettaq b'konvinzjoni mal-mexxejja tiegħu ... mota t-tensjonijiet u t-tbatijiet ikkawżati minn feriti ta' l-imgħoddi jkunu għadhom friski, l-imħabba tpoġġi quddiemna proċess wieħed u preċiż: ħbiberija, stima, rispett reċiproku, attitudni inter-juri li rridu nimxu 'l quddiem, maħfra mingħajr riserva jew distinzjoni, rikonċiljazzjoni li l-għan tagħha jkun li, ġurnata b'ġurnata, siegħa b'siegħa, nibnu mill-ġdid fuq it-tifrik u t-tħarbit li jkun ħalla l-egoiżmu u n-nuqqas ta' ftehim".



*Fr. Philip Cutajar flimkien ma' l-Isqof tad-Djoċesi ta' Santa Clara u ma' patrijiet Kapuċċini Spanjoli.*

*Fuq nett: Il-Capitolio fejn qabel kien joqgħod il-President u li llum huwa mużew.*



Fil-bidu tar-rivoluzzjoni Kubana, il-Ġerarkija tal-Knisja Kattolika wriet kemm-il darba t-tama li, fis-sitwazzjoni ġdida, il-ġustizzja soċjali neċessarja tiġi realizzata. Però, bit-tibdil radikali u mgħaġġel li wettqet ir-rivoluzzjoni sa mis-sena 1960, l-Isqfijiet ħassewhom obbligati li jitkellmu kontra s-soċjaliżmu marxista li l-mexxejja politiċi kienu qegħdin iħaddnu.

F'Mejju tas-sena 1961, il-Gvern ta' Fidel Castro ħa f'idejh il-Kulleġġi Kattoliċi. Dan effettwa lil madwar 2,500 reliġjuż u reliġjuża li kienu ddedikati għat-

tagħlim. F'Settembru tas-sena 1961, fuq il-vapur spanjol *Covadonga*, ġew imkeċċija mill-pajjiż 131 saċerdot u reliġjuż, fosthom l-Isqof Awżiljaru ta' Habana, Mons. Eduardo Boza Masvidal. Il-maġġoranza assoluta tar-reliġjużi li kienu ddedikati għat-tagħlim fil-kulleġġi u fl-iskejjel abbandunaw Kuba. Oħrajn, minħabba s-sitwazzjoni diffiċli li nibtet fil-pajjiż, ġew imsejħa b'urġenza mis-superjuri tagħhom biex iħallu Kuba, u b'hekk dawn ħallew warajhom ħafna orfanatrofji, djar ta' l-anzjani, sptarijiet u kunventi mitluqin. Minħabba din is-sitwazzjoni, in-numru ta' saċerdoti (mhux inklużi l-mijiet ta' reliġjużi rġiel u nisa) minn 800 niżel għal 200. Reliġjużi nisa kien hemm madwar 2000 li kellhom jitilqu minn Kuba u jabbandunaw il-ħidmiet pastorali li kienu qed iwettqu.



Quddiem din is-sitważżjoni, l-insara ħadu pożizzjonijiet u deċiżjonijiet diversi:

• Kien hemm dawk, fil-maġġoranza tagħhom nisa, li ma kienx jimpurtahom mit-theddid u l-biża' li ħoloq il-"moviment rivoluzzjonarju", u baqgħu jmorru l-knisja b'fedeltà perseveranti. Dawn kienu dawk li salvaw lill-Knisja f'Kuba matul dan il-perijodu ta' persekuzzjoni. Uħud minnhom, kull nhar ta' Ħadd, kienu jmorru għal aktar minn quddiesa waħda bil-għan li f'kull parroċċa jkun hemm preżenza minima ta' sitta jew għaxar persuni, u b'hekk dik il-parroċċa tibqa' teżisti. B'hekk dawn l-insara, li b'mod erojku baqgħu fidili, salvaw il-ħajja tal-parroċċi f'Kuba.

• Kien hemm ukoll min, b'fedeltà għall-proċess rivoluzzjonarju, abbanduna għal kollox il-Knisja Kattolika.

• Oħrajn iddeċidew li jgħixu ħajja doppja billi, filwaqt li qatt ma ċaħdu l-fidi nisranija, però, minħabba l-persekuzzjoni, kienu mġiegħla li ma jersqux lejn il-prattika tas-sagramenti u t-talb fil-knisja. Kienu l-insara tal-katakombi.

• Oħrajn iddeċidew li jitilqu għal kollox pajjiżhom u jmorru jgħixu r-realtà tal-fidi nisranija f'pajjiż barrani.

B'dan il-mod il-Knisja tilfet kważi dak kollu li kienet bniet: tilfet l-istituzzjonijiet edukattivi kollha tagħha; tilfet iċ-ċentri ta' assistenza għat-tfal, għall-morda u għall-anzjani; u tilfet ukoll kważi d-90 fil-mija taċ-ċentri pastorali. F'din is-sitwazzjoni l-Knisja Kattolika f'Kuba daħlet fi żmien fejn kellha taffronta, ġurnata b'ġurnata, iċ-ċirkustanzi ġodda u diffiċli li l-pajjiż daħal fihom minħabba t-triq li qabad il-"moviment rivoluzzjonarju", triq li kienet ferm differenti minn dik tal-bidu. ❑

**Tibdil fin-numru tat-telefon u tal-Fax ta'**
**Fr. Philip Cutajar OFMCap**
**Tel. 0053 42 206 554 • Fax 0053 42 208 032**
**E-Mail: dei@cocc.co.cu**

*Fuq: Il-Mużew tar-Rivoluzzjoni, Havana.*

*Isfel: Il-monument maestuż f'ġieħ Josè Marti li huwa meqjus bħala l-missier ta' Kuba Indipendenti u l-ispiratur tar-Rivoluzzjoni Castrista.*



minn P. William AXIAQ OFMCap

# Father,

Bħala mara miżżewġa dejjem żammejt lili nnifsi fidila lejn żewġi l-għażiż. Lanqas biss noħlomha li xi darba nittradih. Ftit snin ilu kont waqajt fi kriżi emozzjonali qawwija u kelli bżonn sensiela ta' seduti psikanalitiċi, jew psikoterapewtiċi, kif isejħulhom. Fejn qatt ma ħassejtni miġbuda sentimentalment lejn min qed jieħu ħsiebi (*il-counsellor*) b'tant kura, minn ċerti laqgħat 'l hawn qed nosservani ninġibed ħafna lejh, u qed nibża'. Ma rridx nagħmel tort lil żewġi, iżjed u iżjed meta kien hu stess li riedni noqgħod għal dan it-trattament bżonnjuż li għalih kien irranġali b'interess kbir, daqskemm iridli ġid. Għandi nkompli mmur għand dan il-*counsellor*, jew għandi naqta' minn miegħu għal kollox, biex inkompli nibża' għaż-żwieġ tiegħi?



Qabel nidħol fl-argument ta' l-ittra sinċiera tiegħek, nixtieq inserraħlek rasek mill-bidunett billi ngħidlek, bla tlaqliq ta' xejn, biex ma taqtax milli tkompli tmur għand il-*counsellor*, għax il-laqgħat tiegħek miegħu huma ta' fejda kbira għalik, għaż-żwieġ u l-familja tagħkom. Barra minn hekk, id-diffikultà tiegħek, x'aktarx, iħabbat wiċċu magħha kull min ikollu bżonn joqgħod għal *sessions* psikanalitċi jew psikoterapewtiċi. Jgħaddi minnha meta l-*counsellor* ikun ta' l-istess sess, aħseb u ara meta jkunu ta' sessi differenti, huwa raġel u l-klijenta mara.

Dak li qiegħda tinnota fir-relazzjoni tiegħek ma' min qed jieħu ħsiebek umanament u professjonalment, biex tfittex tfiq mill-problemi emozzjonali u affettivi tiegħek, ilu żmien twil jiġi kkontemplat, studjat u mgħarbel mill-esperti ta' l-oqsma li qed nitkellmu minnhom. Studjużi serji ta' kliniċi psikanalitiċi u psikoterapewtiċi jiżgurawna li din il-ħaġa tiġri, anzi għandna nissoponuha, f'kuntatti ta' din l-għamla. Dawn, minnhom infushom, joħolqu atmosfera partikulari ta' *closeness* u kunfidenzjalità bejn min ikun qiegħed idawwal u min qiegħed jiġi mdawwal, jiġifieri, jikkaġunaw rapport qawwi ta' intimità perjodika, transitorja. Il-*caring professions*, disgħa u disgħin fil-mija, joħolqu din id-diffikultà meta jkollhom jiġbdu fit-tul, għax hekk ikun hemm bżonn.

B'lingwaġġ tekniku, ngħidu li dawn il-professjonijiet joħolqu dinamika, li tagħti bidu għal proċess ħafna drabi inkonxju. Dan kollu kien ġie studjat u mogħti isem. Isibuh bħala *transfert* simpatiku jew negattiv. Ħafna drabi jiġri li l-*counsellor*, huwa u jtella' fil-wiċċ ċerti esperjenzi qarsa u hienja moħbijin fil-*psiche* ta' min ikun qiegħed idawwal u jindirizza għall-fejqan, jibda jweġġa' emozzjonalment lill-klijent/a tiegħu. Dawn għall-ewwel jibdew jarawh ikrah. Dan huwa t-*transfert* negattiv jew antipatiku. Maż-żmien, iżda, meta l-klijenti jibdew jaraw kemm qed jieħdu r-ruħ, huma jbiddlu l-atteġġjament tagħhom u jibdew jidħlu f'relazzjoni ġdida mal-*counsellor*. Jibdew jinġibdu lejh sew. Kif jista' jkun ma tinġibidx lejn min iridlek u qiegħed ikun għajn ta' ġid għalik? Lejn min ikun qiegħed jirxuxtak mill-ġdid? Daż-żgur li tinġibed lejh u tibda tħobbu, iżjed u iżjed f'relazzjoni bħal dik. Iżda, biex inkun qiegħed ngħid is-sewwa, proprjament il-ġibda tidher biss li hija lejn il-*counsellor*, fil-fatt dik tkun indirizzata b'mod maskerat lejn dawk il-persuni moħbijin fl-inkonxju tal-pazjenti li darba tgħidx kemm kienu joffrulhom imħabba u sigurtà, u li tagħhom issa l-*counsellor* huwa s-simbolu, jew aħjar, ir-rappreżentant biss. Din il-ġibda tidher perikoluża imma mhix, basta t-tnejn ikunu jafu fiex inhuma mal-motivazzjonijiet tagħhom, jiġifieri, x'inhu li qiegħed iġagħalhom jiltaqgħu għal dawn is-seduti. Hija inklinazzjoni li tiġi spjegata faċilment. Il *psiche* tagħna hekk taħdem.

Fil-bidu għedtlek biex tibqa' tmur għand il-*counsellor* bla biża' ta' xejn. Għaliex għedtlek hekk? Għax jekk inti tibdlu u taqbad ieħor, żgur terġa' tgħaddi mill-istess esperjenza, jekk il-ġdid ikun kapaċi jidħol f'empatija miegħek, jiġifieri, jekk jibda jħoss il-problemi tiegħek daqs li kieku mhumiex tiegħek imma tiegħu stess.

Naħseb li serraħtlek rasek biżżejjed u tista' tkompli tmur għand il-*counsellor* trankwillament, mingħajr biża' mhux raġunat. ❑

minn Bro. Andrè AZZOPARDI OFMCap



# nitkellmu ma' Patri PHILIP ATTARD OFMCap

**• *X'tiftakar minn tfulitek meta kont għadek id-dar?***

Niftakar meta tal-familja kienu jeħduni għand is-Sorijiet ta' l-Ursolini, l-Imsida. Dak iż-żmien konna tlaqna mill-Marsa għal tal-Pietà. Kienet skola tan-nuna, u bqajt niftakar il-brodu tajjeb li kienet tagħtina s-soru fil-*break* ta' nofs inhar. S'intendi, mhux il-brodu biss niftakar imma anke t-tagħlim elementari li konna nitgħallmu. Niftakar ukoll fl-okkażjonijiet sbieħ tiegħi bħalma huma l-Preċett u l-Griżma. Iżda għaddejt ukoll il-kefrija u l-biża' tat-tieni gwerra dinjija li ħalliet lil kulħadd mifxul. Meta bdiet il gwerra, l-attakki mill-ajru ma kenux spissi. F'dan iż-żmien jiena kont fl-iskola tal-Gvern ta' l-Imsida. Peress li *shelters* kien għad m'hemmx, konna ninżlu nistkennu fis-sala t'isfel li kellha twieqi bl-ixkejjer tar-ramel għall-*isplinters*. L-iskola kienet faċċata tat-*topido depot*, u quddiem l-iskola kien hemm kanun biex jiddefendi xi frejgata u s-*submarines* li kienu jsorġu hemm. Kien f'wieħed minn dawk l-attakki mill-ajru li l-iskola intlaqtet u waqgħu l-klassijiet fejn konna ftit qabel, iżda b'miraklu ma ġralna xejn għax is-sala tagħna ma ntlaqtitx. S'intendi bidlulna l-iskola għal ġewwa dar oħra sakemm ġew l-attakki mill-ajru tal-Ġermaniżi, u l-iskejjel ingħalqu għal xi żmien. Wara li spiċċat il-gwerra bdejt immur għand il-*Freres* tal-Gżira sakemm bdejt l-Iskola Serafika.

**• *Tista' tgħidilna kif ġietek il-vokazzjoni biex issir Kapuċċin?***

Il-vokazzjoni tiegħi ġejja mill-edukazzjoni u l-eżempji tajba li tawni l-ġenituri tiegħi u mit-tagħlim tal-Museum li bqajt nattendi sa l-aħħar ġurnata qabel mort in-novizzjat. Missieri u ommi kienu terzjarji Franġiskani Kapuċċini u jien kont abbati tal-kappella tad-Duluri f'Tal-Pietà, fejn kienu jiġu l-Kapuċċini biex iqaddsu kull nhar ta' Ħadd. Wara l-quddiesa kont noqgħod nitkellem magħhom. Hemmhekk naħseb li bdejt nitħajjar biex nidħol mal-Kapuċċini.

**• *Kemm ilek saċerdot kellek diversi ħidmiet fil-Provinċja Kapuċċina. X'kienu l-ewwel ħidmiet li talbuk tagħmel is-superjuri?***

Jien qaddist fit-22 ta' Diċembru 1956, u wara ftit bagħtuni Għawdex bħala viċi mastru tan-novizzi biex ngħin lill-mastru Patri Alessandro Vella. Fis-sena 1959, wara l-Kapitlu Provinċjali, sejħuli Malta fil-kunvent tal-Kalkara bħala sagristan maġġur tal-knisja u viċi direttur ta' l-istudenti tagħna, u ftit wara għamluni direttur. Meta spiċċajt minn direttur ta' l-istudenti, bagħtuni kappillan fl-isptar San Luqa, imbagħad fiċ-ċimiterju ta' Marija Addolorata u wara bħala prokuratur fil-knisja tal-Madonna tad-Dmugħ, li llum tissejjaħ "Marija Reġina".

**• *Fr. Philip, int kont superjur aktar minn darba. Fejn kont u kif kont tħares lejn dan il-qadi ta' superjur?***

L-ewwel responsabbiltà ta' Gwardjan bdiet fil-Furjana wara li spiċċajt minn Marija Reġina. Imbagħad Gwardjan ġewwa Għajn Dwieli, ir-raħal Ġdid, u wara Gwardjan tal-fraternità tax-Xemxija. Staqsejtni: "Kif kont tħares lejn dan il-qadi ta' superjur?" Naħseb li kull gwardjan iħoss il-piż kbir fuqu li jitlob kuraġġ, għaqal u determinazzjoni soda kontra d-diffikultajiet li jiltaqa' magħhom ġewwa u barra. Ngħid għalija dejjem sibt l-għajnuna ta' Alla u anke ta' individwi, reliġjużi kif ukoll lajċi, li kienu jħaffuli dan ix-xogħol.

**• *Peress li għaddejt ħafna snin kappillan fl-isptarijiet, għidilna ftit fejn kont u jekk kellekx xi tip ta' preparazzjoni għal dan il-ministeru.***

Ma' dik l-attività li semmejtlek fil-bidu tal-ħidma tiegħi pastorali, inżid li sibt ruħi mill-ġdid kappillan fiċ-Ċimiterju u wara, l-isptar *Monte Carmeli*, u fl-isptar San Vinċenz de Paula, fejn għaddejt ħafna snin, neħħi xi sentejn biex nagħmel kors pastorali fil-Fakultà tat-Teoloġija ġewwa tal-Virtù, ir-Rabat, filwaqt li l-Provinċjal bagħatni viċi-kappillan fil-parroċċa ta' Marija Reġina.

Staqsejtni jekk kellix xi tip ta' preparazzjoni pastorali għal dan il-ministeru. Sewwa għedt, għax illum spiċċa d-dilettantiżmu. Għalhekk is-saċerdot irid iħejji ruħu sew għal dak li jista' jiltaqa' miegħu fil-ministeru tiegħu. Barra l-kors pastorali li għamilt, jiena nħobb naqra u nistudja, speċjalment fuq id-dokumenti li l-Knisja toħroġ minn żmien għal ieħor.

Ftit snin ilu kont għamilt ukoll kors ta' Franġiskaniżmu ġewwa Assisi. Dan swieli ħafna biex nifhem aħjar l-imħabba li kellu San Franġisk lejn il-morda.

**• *Għidilna kelma għal dawk li jħossu li l-Mulej qed isejħilhom għall-ħajja reliġjuża.***

Għal min il-Mulej qed isejjaħlu, bħalma sejjaħ lili, biex iħalli kollox u jimxi warajh, żgur li lil dan il-Mulej jagħtih l-għajnuna u l-grazzji neċessarji biex iwieġeb għas-sejħa; basta jafda fih u jitlobu biex ikun lest jagħmel ir-rieda ta' Alla. Mill-Konċilju Vatikan II 'l hawn, ħafna affarijiet inbidlu, u dan ma sarx b'kapriċċ, iżda għax il-Knisja trid timxi skond is-sinjali taż-żminijiet biex b'hekk, fil-libertà qaddisa, is-sewwa u l-ferħ, ngħixu sew is-sejħa tagħna.

Jalla dan il-messaġġ tiegħi jolqot il-qlub ta' tant żgħażagħ li qed itawlu biex lill-Mulej jgħidulu "iva", u jkunu kapaċi jisfidaw kull diffikultà u jaċċettaw bil-qalb is-sejħa li l-Mulej qed jagħmlilhom. ❑



# Ħadd għajr Franġisku

IT-TIENI PARTI

minn P. Frans ABELA GIUSTI OFMCap.

## Isaħħar in-nies

Mhux ta' b'xejn li waħdiet umli bħal Franġisku saħħru għal warajhom folol kbar ta' nies b'uħud minnhom jitħajru jimxu qrib fuq il-passi tagħhom, tant li wieħed mill-ewlenin fost dawn, Fra Masseo, darba waħda indirizza lil Franġisku nnifsu b'dal-kliem: "Għaliex warajk, għaliex warajk? Għaliex id-dinja kollha ġejja warajk u kulħadd donnu jixtieq jarak, jisimgħek u jobdik? Int m'intix xi raġel ta' bixra sabiħa jew ta' xi għerf kbir, u lanqas int xi nobbli. Kif inhi din li d-dinja kollha tiġri warajk?" (Fjuretti Kap X p.24). Il-kittieb ta' ħajjet Franġisku għandu xi ħaġa x'jgħid tixbah lill-esklamazzjoni ta' Fra Masseo: "Irġiel u nisa kienu tant iġibuh u jħobbuh li kienu jqisu rwieħhom ixxurtjati anke jekk biss jirnexxilhom imissu tarf il-labtu tiegħu. Malli kien jasal f'xi belt kienu dlonk idoqqu l-qniepen tal-knejjes, u kleru u lajċi kienu jersqu lejh biex jifirħu bih, bit-tfal iċapċpu u jxejru friegħi tas-siġar b'sens ta' merħba, filwaqt li l-eretiċi, imsawtin bil-qdusija tiegħu, kienu jaħarbuh jew jiskartawh" (1 Celano).

## Mexxej Distint

Il-ġibda li biha Franġisku saħħar għal warajh in-nies ta' żmienu, mexxej spiritwali distint fost il-fundaturi ta' l-Ordnijiet Reliġjużi, ma naqsitx mal-medda tas-snin, iżda għadha tinħass anke illum f'did-dinja sekularizzata li fiha qed ngħixu, forsi wkoll iżjed minn qatt qabel. Biżżejjed wieħed jaħseb fil-mijiet ta' eluf li jżuru Assisi kull sena. U dawn mhux tant biex jiskopru l-ġmiel ta' l-arti medjevali, daqskemm biex ifittxu li jħossuh bħal li kieku għadu ħaj fil-pjazzez, fit-toroq u fil-knejjes ta' hemm. U minn dan kollu Franġisku ma kien ikun xejn kieku, mill-bidunett tal-bidla ta' ħajtu mill-qiegħ, ma rnexxilux jibdel lilu nnifsu fi Kristu ieħor bis-saħħa tal-ħajja evanġelika li għex.




Ejjew, mela, aħna l-imseħbin f'xi waħda mill-friegħi ta' l-Ordni tiegħu, irroddu ħajr lil Alla għax-xorti li messitna. U dan ir-radd il-ħajr, aktar milli bil-fomm, nibdluh f'għemil ta' ħajja franġiskana ġenwina. L-ispirazzjoni għall-mixi 'l quddiem fil-ħajja tar-ruħ, ma nfittxuha f'ħadd iżjed għajr fi Franġisku, li xtaq ikun ministru tagħna lkoll, sa mewtu. Aħna mgħandniex għalfejn infittxu għejun oħra ħliefu. Għalina din l-għajn hi biżżejjed biex taqtgħalna l-għatx li għandna li nitqaddsu. ❑



*P. Joe Libreri, Gwardjan, qed imexxi ċ-ċerimonja tal-vestizzjoni u l-professjoni.*

## L-O.F.S. f'Għawdex

Nhar it-Tnejn, 5 ta' Frar 2001, saret il-vestizzjoni ta' 12-il membru ġdid u l-professjoni ta' 8 membri ta' l-O.F.S. fis-Santwarja tal-Madonna tal-Grazzja, Għawdex. Iċ-ċerimonja tmexxiet mid-delegat u direttur spiritwali ta' l-O.F.S. f'Għawdex, P. Joe Libreri OFMCap., Gwardjan. Il-professjoni saret f'idejn il-President Nazzjonali ta' l-O.F.S., is-Sur Joseph Pace. Preżenti kien hemm ukoll is-Sur Charles Grech, Ministru tal-Fraternità ta' l-O.F.S., Kalkara u s-Sur Angelo Demanuele, Direttur tal-Formazzjoni. Wara saret l-elezzjoni tal-Kunsill ta' din il-fraternità. Is-Sur Pierre Eugene Buttigieg ġie elett Ministru, is-Sur Anthony Cordina, Segretarju u Kaxxier, u s-Sinjura Carmen Cordina, Direttriċi tal-Formazzjoni.

L-O.F.S. ġie mwaqqaf fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja fit-22 ta' Jannar 1888 bl-inizjattiva ta' P. Anġelku Galea minn Għawdex, li kien l-ewwel delegat u direttur spiritwali ta' l-istess O.F.S.

***Membri li għamlu l-vestizzjoni:***

Bajada Karmenu; Buttigieg Joseph; Buttigieg Tarċisja; Calleja Helen; Galea Lora; Portelli Antonia; Refalo Joseph; Refalo Rose; Spiteri Joseph; Sultana Fortunata; Vella Marilyn; Xerri Joseph

***Membri li għamlu l-professjoni:***

Attard Pawlu; Attard Toni; Buttigieg Pierre Eugene; Cordina Anthomy; Cordina Carmen; Refalo John; Sultana Angelo; Xerri Mercieca Joseph



*Il-President Nazzjonali OFS, is-Sur Joe Pace imexxi l-elezzjoni tal-Kunsill ta' l-OFS f'Għawdex.*



## Mill-ittri tal-qarrejja ...

• Qegħda nibgħatlek dawn il-bolli użati għall-missjoni. Prosit ta' **Dawl Franġiskan**. Kemm nieħu gost naqrah għax tolqtu l-gosti ta' kulħadd. Jien, għalkemm għadni zgħira, tinteressani l-parti tal-missjoni. Għalhekk nitlobkom titolbu għalija biex dan l-interess fija jkompli jikber u jsir vokazzjoni. Nirringrazzjakom mill-ġdid.

*M. Sciberrras - Ħaż-Żebbuġ*

• Għalkemm qatt ma ktibt u qatt ma bgħatt kompetizzjoni, illum fettilli nibgħat it-Tisliba. Ngħidlek il-verità, it-Tisliba qatt ma kont nibgħatha għaliex kont naqta' qalbi li rrid noqgħod infittex fil-Bibbja, avolja l-Bibbja dejjem ħdejn rasi u kuljum naqbadha u noqgħod nara minnha. Imma din id-darba ddeċidejt li nqalleb u nfittex fiha t-tweġibiet. B'hekk qed insir aktar midħla tagħha.

Irrid ngħidilkom prosit u grazzi ħafna tar-rivista **Dawl Franġiskan**. Hija verament sabiħa u interessanti ħafna. Inkun ħerqana ħafna li nirċeviha, u, wara li naqraha, insellifha lil xi żgħażagħ. Prosit tassew!

*C. Sultana - Ħaż-Żabbar*

• Grazzi u prosit għar-rivista **Dawl Franġiskan**. Rivista ta' livell għoli u verament interessanti. Imqassma tajjeb ħafna u tieħu pjaċir taqraha mill-bidu sa l-aħħar.

Nixtieq naqra xi esperjenza ta' nies lajċi li marru l-missjoni, għax għandi xewqa kbira li xi darba nagħmel esperjenza fil-missjoni.

*A. Duca - Għaxaq*

• Qed nieħu sehem fit-Tisliba u fl-istess waqt qed nibgħat ftit bolol użati. Nieħu ħafna gost naqra l-artikli fir-rivista **Dawl Franġiskan**, l-aktar dawk dwar il-ġid li qed jagħmlu ħutna l-missjunarji qalb in-nies tal-post. Nitolbu ħafna għalihom u l-Mulej iħallashom tal-ħidma tagħhom. Grazzi u l-paċi miegħek.

*C. Sammut - Naxxar*



# Tgħid vera?

*minn Fabian Marston Gi.Fra.*

F'dan iż-żmien qed niċċelebraw avveniment straordinarju; avveniment barra mill-esperjenzi ordinarji tagħna. Ningħaqdu ma' l-insara kollha fl-aħbar it-Tajba li Ġesù Kristu qam mill-mewt.

F'dan l-avveniment uniku Alla ddikjara b'mod qawwi "LE" għall-attentat tal-bniedem biex isikket il-Kelma ta' Alla: Ġesù Kristu. Fl-istess ħin, Alla, b'iktar qawwa, iddikjara "IVA" li Ġesù huwa t-triq, il-verità u l-ħajja.

Filwaqt li l-Lhud kienu bbażaw ħajjithom fuq l-Eżodu, il-ħruġ tal-poplu mill-jasar ta' l-Eġittu għall-ħelsien fl-Art Imwiegħda, id-dixxipli ta' Kristu kienu bbażaw ħajjithom fuq esperjenza ġdida: dik li Ġesù qam mill-mewt wara li kien mislub. Filwaqt li għal snin sħaħ il-bniedem kien joffri kull tip ta' sagrifiċċju sabiex jidħol f'relazzjoni ma' Alla, bil-mewt u l-qawmien ta' Kristu ma kienx għad baqa' raġuni għalfejn jibqgħu isiru dawk it-tipi ta' sagrifiċċji. Filwaqt li f'ċertu żminijiet, biex tkun membru fil-poplu ta' Alla kien jeħtieġ li tiret dan id-dritt, Ġesù jistieden lill-bnedmin kollha sabiex ikunu mgħammda u jagħmlu parti minn din il-komunità ġdida: il-Knisja. Filwaqt li fi żminijiet oħra, biex tiltaqa' ma' Alla kien hemm biss post wieħed, li kien it-tempju, f'din il-komunità l-ġdida l-bniedem jiltaqa' ma' Alla permezz ta' Ġesù Kristu - it-tempju l-ġdid.

San Pawl jgħidilna ċar u tond li kieku Kristu ma qamx mill-mewt, allura it-tagħlim tiegħu kien ikun fieragħ, kif fiergħa wkoll kienet tkun il-fidi tagħna. Mingħajr il-qawmien ta' Kristu ma kienx ikun hawn la Evanġelji, la komunitajiet insara u lanqas Knisja. Wisq iżjed, ir-rakkonti varji ta' l-ewwel Għid mhumiex rakkonti mitoloġiċi. Fil-verità, dawk li ppreferew li jxejnu din l-Aħbar it-Tajba tal-qawmien mill-mewt setgħu jagħmlu dan billi jippreżentaw il-ġisem mejjet ta' Kristu. Ma setgħux, u ma għamlux hekk. Bil-wisq iżjed, id-dehriet ta' Kristu mqajjem mill-mewt lil diversi dixxipli kkonfermaw li hu kien ħaj b'mod differenti. Il-biża', il-konfużjoni u d-dubji tal-Ġimgħa l-Kbira nbidlu. Kristu rxuxtat kien il-garanzija divina li s-Saltna ta' Alla mwaqqfa minn Kristu bdiet tħalli l-frott. Bħala riżultat id-dixxipli kienu mibdula fi bnedmin ġodda.

Il-fidi tagħna hi bbażata fuq dan l-avveniment straordinarju tal-qawmien mill-mewt ta' Kristu. Huwa permezz tal-Knisja li niltaqgħu ma' dak li jagħti l-ħajja, Ġesù Kristu. Dan l-aktar permezz taċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija. L-avveniment ta' l-Għid jagħtina l-identità tagħna: li aħna, int u jien, bħala wlied Alla, ma aħna qatt imċaħħdin mill-imħabba u l-grazzji tiegħu. ❑

# Il-Mogħdija tal-Mulej

**Iż-żmien tar-Randan flimkien mas-solennità tal-mogħdija tal-Mulej, jiffurmaw flimkien wieħed mill-isbaħ żminijiet tal-Knisja, kif ukoll teoloġikament mill-aktar profondi. Dawn huma żewġ żminijiet fil-ħajja tal-Knisja li ma tistax tifridhom minn xulxin. Wieħed iressqek lejn l-ieħor, wieħed sfiq ma' l-ieħor.**

*minn Mons. Lawrenz SCIBERRAS*

## L-GĦID TAL-LHUD

Imma ftit jafu li qabel il-festa ta' l-Għid il-Kbir tagħna, il-Lhud kienu u għadhom huma wkoll jiċċelebraw l-Għid tagħhom, il-Mogħdija tagħhom. Dik mill-iskjavitù ta' l-Eġittu lejn il-ħelsien ta' l-Art Imwiegħeda, dik minn nies maħqurin u magħkusin lejn nies liberi u rajhom f'idejhom. Biex dan kollu seta' jsir bilfors li kellu jkun hemm bżonn l-indħil ta' Alla mal-poplu tiegħu. Il-Lhud kienu skjavi tal-Fargħun; ma kellhom xejn tagħhom, lanqas l-istess libertà. Huma qatt ma setgħu jaslu biex joħorġu minn art il-jasar jekk mhux bil-providenza ta' Alla. "B'id qawwija u bi driegħ merfugħ". Din l-istess tifkira ta' l-Għid tal-Lhud fakkarha wkoll Ġesù ta' kull sena.

Il-Qafas ta' din il-mogħdija providenzjali qiegħed miktub fil-ktieb ta' l-Eżodu kapitlu 12. Alla talab sett ta' liġijiet biex isiru qabel ma l-Lhud jitilqu minn art il-jasar. Għalhekk din l-ikla li kienet kollha kemm hi speċjali, tissejjaħ *seder*, għaliex trid bilfors issir skond ċerimonjal imħejji apposta u preċiż. Ma tistax taqbeż waħda biex iddaħħal l-oħra. Prinċipalment, kif għamlu l-Lhud fl-ewwel ikla tagħhom fl-Eġittu, għamel ukoll Ġesù flimkien ma' l-Appostli fil-għorfa ta' fuq, u għadhom jagħmlu l-Lhud sal-ġurnata tal-lum. Għalkemm hija ikla, imma waħda kollha speċjali, ikla li issir darba biss fis-sena, u bilfors matul il-lejl ta' bejn l-14 u l-15 tax-xahar ta' Nisan, mela April tagħna. Dak inhar ukoll żgur li jrid ikun qamar kwinta. Tkun meta tkun il-ġurnata.

Matul din iċ-ċerimonja hemm tliet kelmiet tant importanti u utli biex tifhimhom, u jekk le allura wieħed ma jifhem kważi xejn mill-għan ta' l-ikel ta' l-Għid. Kull kelma tiġbor fiha tifsir l-aktar profond għaliex hija marbuta ma' l-ikla qaddisa ta' l-Għid.

*L-isfond: Iċ-Ċenaklu - Il-kamra ta' fuq fejn Ġesù għamel l-aħħar ikla ta' l-Għid.*

*Isfel: L-Aħħar Ikla. Pittura Spanjola tas-Seklu XIV.*



## PESAH

Din hija kelma bl-Ebrajk, u li b'ilsienna tfisser taqbeż, tgħaddi, tħalli barra. Jekk flok verb nużaw nom, allura ngħidu mogħdija. Il-kuntest sħiħ ta' din il-kelma huwa preċiżament l-ewwel ikla tal-Lhud fl-Eġittu. Alla kkmanda lil Mosè biex jgħid lil-Lhud joqtlu ħaruf ta' dik is-sena, u b'demmu jċċappsu l-ġnub u l-blajjat tal-bibien tagħhom (Ez 12,7).



*Bejjiegħ ta' ħobż ażżmu fiż-żminijiet tagħna.*

*Isfel: Tpinġija f'qabar Eġizzjan; il-Lhud jagħmlu l-madum għall-bini ta' bliet ta' Ramesses.*

Meta mbagħad, matul il-lejl għadda l-kastig ta' Alla, fejn kien hemm id-demm imċappas dan baqa' għaddej. Għalhekk inkunu aktar preċiżi jekk il-festa ta' l-għid nibdew insejhulha l-**Mogħdija tal-Mulej**. "Id-demm ikun bħala sinjal tagħkom fuq id-djar fejn tkunu, u jien, x'ħin nara d-demm, nibqa' għaddej". Kien minħabba din il-mogħdija tal-Mulej, u li ħalliet id-djar tal-Lhud mingħajr ebda ħsara u mewt, li l-Lhud kisbu l-ħelsien tagħhom. Telqu minn art il-jasar biex jibdew il-mixja tagħhom fid-deżert li kellha twassalhom sa l-Art Imwiegħda.

Il-Ktieb ta' l-Esodu huwa preċiż ħafna dwar din il-ġrajja. Naqraw: "Dan hu s-sagrifiċċju ta' l-Għid tal-Mogħdija tal-Mulej meta hu baqa' għaddej minn nofs id-djar u wlied Iżrael fl-Eġittu, darab lill-Eġizzjani, iżda ħeles lil djarna" (12, 27).

Issa fl-Għid tagħna nisrani hemm ukoll mogħdija oħra, u li hija wisq aqwa u aktar perfetta. Ta' l-ewwel kienet it-tip, tat-tieni l-anti-tip, waħda figura u l-oħra hija verità. Din il-mogħdija issa għamilha Ġesù, il-Ħaruf ta' l-Għid tagħna. Ġesù wkoll kien fi stat u għadda għal stat ieħor tal-ħajja. Kien mejjet u bis-setgħa tiegħu ta' Alla rxoxta, qam mill-mewt. Għalhekk il-mogħdija ta' Ġesù mill-mewt għall-ħajja, lilna l-insara saħħitilna l-fidi f'Ġesù, mhux aktar mejjet imma ħaj u rebbieħ. Kienet mogħdija aktar tas-sema milli ta' l-art. Mogħdija li ġabitilna *status* fil-ħajja tagħna. L-Għid il-Kbir huwa l-Mogħdija ta' Ġesù mill-mewt lejn l-ħajja.

## MATZAH

Kelma oħra bl-Ebrajk u li tfisser ħobż ażżmu. Din ukoll għandha l-għeruq tagħha fl-ikla ta' l-Għid tal-Lhud. Il-ħobż ażżmu jfisser ħobż mingħajr ħmira, mela huwa aktar safi u pur. Dan isir minn dqiq magħġun bl-ilma u msajjar. Din tal-ħobż ażżmu, għalkemm mibdija fl-Eġittu, għadu jsir ta' kull sena. Għal ġimgħa sħiħa li hija l-Ġimgħa ta' l-Għid, il-Lhud minflok ħobż ieħor jieklu biss minn dan il-ħobż. L-unika eċċezzjoni huma l-morda. U meta tkun hemm inti wkoll tiekol minn dan l-istess ħobż. Kull ikla ta' l-Għid trid bilfors issir b'dan il-kwalità ta' ħobż. Anke Ġesù flimkien mat-tnax ikkonsagra minn dan il-ħobż ażżmu. Tant hija xi ħaġa



li timpressjona din tal-ħobż ażżmu, li l-Evanġelisti jsejħulha b'isimha: Jum l-Ażżmi (Mt 26,17; Mk14,12) u l-Ġimgħa ta' l-Ażżmi. Dan ifisser il-ġimgħa li matulha wieħed jiekol biss ħobż ażżmu. Il-ktieb ta' l-Esodu huwa ċar ħafna dwar din il-ġrajja u t-tifsira tal-ħobż ażżmu. "U sajru mill-għaġna li kienu ħarġu mill-Eġittu ftajjar ażżmi, għax ma kellhomx ħmira, billi keċċewhom mill-Eġittu u ma setgħux joqgħodu jitnikkru u anqas iġibu x'jieklu magħhom" (Eż 12, 39). Biex id-dqiq wara li tħallattlu l-ħmira jitla', u hekk ikun ħobż minfux, irid iż-żmien.

L-Appostlu Pawlu jaqbad ukoll din il-kelma ħobż ażżmu u jagħtiha tifsira spiritwali. Pawlu jrid jgħallem li l-bniedem għandu jwarrab minnu dak li huwa ħażin u li jfixklu fil-ħajja spiritwali. Għalhekk lill-Korintin huwa jiktbilhom: "Tnaddfu mill-ħmira l-qadima ħalli tkunu għaġna ġdida, kif intom bla ħmira. Il-Ħaruf ta' l-Għid tagħna, li hu Kristu, hu maqtul. Nagħmlu festa mhux bil-ħmira l-qadima, anqas bil-ħmira tal-qerq u tal-ħażen, imma bil-ħobż bla ħmira tas-safa u tas-sewwa" (Kor 5, 8). Huwa għalhekk li anke il-Knisja fil-lejl qaddis ta' l-Għid, ikollha kollox ġdid, dawl ġdid, ilma ġdid u xejn anqas l-Ewkaristija.

## MAROR

Kelma oħra ta' oriġini Lhudija u b'ilsienna għandna kważi l-istess kelma - imrar, jew morr. Hawn fl-ikla ta' l-Għid il-morr qiegħed fil-ħaxix, bħalma hu rfief, burrija, indivja, ħass eċċ. Dawk li jieħdu sehem fl-ikla jridu bilfors jieklu ħaxix morr, kważi kważi joħroġlok id-dmugħ minn għajnejk. Jiena dan kiltu. Ma tantx jiftaħlek aptit tafux! It-tifsira sħiħa ta' dan il-kwalità ta' ħaxix qiegħda f'Eżodu 1,14 "Mlewlhom ħajjithom bl-imrar u bix-xogħol iebes fit-tafal u l-madum, u bix-xogħol fir-raba".

F'kull ġenerazzjoni, kull min jieħu sehem f'din il-kwalità ta' ikla għandu jħossu li huwa stess kien skjav l-Eġittu, u għalhekk mela għandu jiekol il-ħaxix morr. "U dak inhar għandek tgħid lil ibnek: Dan nagħmlu talli għamel il-Mulej miegħi, meta ħariġni mill-Eġittu" (13, 8). L-ikla ta' l-Għid, għalhekk, mhix sempliċement tifkira ta' l-imgħoddi daqskemm li wieħed għandu jagħmilha preżenti u attwali. Min jiekol dik l-ikla speċjali, irid iħossu, daqslikieku huwa stess darba kien f'art il-jasar ibati u jaħdem fl-iebes.



*Anki llum fl-Eġittu għadhom jagħmlu l-madum mit-tafal u t-tiben.*

*Xellug: Bieqja ta' żmien Kristu li fiha kienu jbillu l-ħobż ażżmu f'taħlita ta' ħaxix morr.*

Ġesù wkoll mhux biss daq il-morr (ftakar fil-kalċi tal-morr tal-Ġetsemani), imma ħa sehem sħiħ u dirett fih. Huwa għamel iva l-aħħar ikla imma dritt telaq għal passjoni ħarxa li wasslitu biex temm ħajtu fuq is-salib. Din it-tifkira tal-Mogħdija tal-Mulej mill-mewt għall-ħajja għandha tkun għalina wkoll ta' xprun biex aħna wkoll immutu għal dak li jfixkilna fit-triq il-ħażina (il-morr) u naqbżu, mela ngħaddu lejn it-triq tas-safa (ħobż ażżmu) u tal-grazzja. Min ftit jimpurtah minn din il-qabża fil-kwalità ta' kif jgħix, min ma jridx jaħrab okkażjoni prossima tad-dnub, żmien ir-Randan u l-Għid ikun ġie għalxejn. Il-Mogħdija ta' Ġesù trid tkun għalina wkoll mogħdija għal ħajja aħjar, ħajja sinċiera u li tagħmel sens sħiħ. ❑





# Għada ħadd ma rah!

*minn Jeanette FALZON*

Daħaq bija bil-kbir! Kien ilu jidħaq bija sentejn u jien kont indub warajh hekk kif kien jitbissimli, iħares lejja jew iġibli xi warda wara li konna niġġieldu dejjem fuq l-istess affarijiet: jew għax jiġi tard għalija, jew għax niftiehmu u ma jiġix, jew għax moħħu fil-ħbieb. Kont intlift warajh u ridt insir martu mill-aktar fis possibli, tant kemm kont inħobbu. Meta kont insemmilu xi ħaġa dwar iż-żwieġ jew il-familja, kien jgħidli li għada ħadd ma rah, u li kien għadu żgħir wisq biex jaħseb għall-futur. Imma jien kont nemmen dak kliemu ta' mħabba li kien jgħidli meta kien ikun irid xi ħaġa minni, u kont lesta li nistenna anki snin sabiex fl-aħħar insir martu. Iżda hu ma riedx jistenna f'kollox u kien dejjem jiffittani biex intih dak li jrid. Ma riedx familja imma ried maħbuba bħalma kellhom sħabu, biex ikollu fuqhiex iparla magħhom fuqi. Għall-bidu, kont nirrifjuta għaliex jien kelli prinċipji sodi u ridt inkompli nħaddanhom. Iżda bil-fittaġni tiegħu, bi kliemu ħelu u b'għaġilu sabiħ, waqqagħni.

Imbagħad kif ħa li ried minni, reġa' beda jgħidli li għada ħadd ma rah u li ma riedx jgħaġġel. Meta għedtlu li kont qed nistenna tarbija, l-ewwel ma riedx jemmen, imbagħad sar sinċier f'daqqa waħda bħalma qatt ma kien qabel. Qalli li kien ilu għarus tliet snin, u li kienu bdew jaħsbu biex jiżżewġu għaliex diġà kellu l-post. Bija ma riedx jaf iżjed u b'ibnu wisq inqas.

Lil ommi u lil missieri ma sibthom f'xejn, anzi, kelli nitlaq mid-dar għax ma felħux għal ilsien in-nies. Kien tassew swieli dak l-iżball ta' darba u dik il-gidba twila li kont qiegħda ngħix; swieli bosta dak kliemu li kien jgħidli biex naħsbu f'illum u għada nħalluh jiġi! L-għada tiegħi wasal u ħasadni.

Issa Ivan għandu ħames snin u sar id-dawl t'għajnejja, avolja għalih tlift ġieħi, familti u kelli nitlaq mill-università. Iżda għalija, Ivan kien don minn Alla.

Imn'Alla li kienet oħti li laqgħatni f'darha, kienet miegħi waqt u wara t-tqala, u li sa ftit ilu, kienet għadha ddur b'ibni meta jien kont erġajt dħalt nistudja. Ibni! Sabiħa wisq din il-kelma u lanqas nemmen li dan it-tifel b'wiċċu ħamrani, b'għajnejh ċari, wardiet ħelwin bit-toqob fin-nofs, u b'saħħtu, hu tassew ibni.

Lil missieru bdejt narah ma' martu tqila kull meta nidħol sal-Belt il-Ħadd filgħodu u nieħu lit-tifel sal-Barrakka biex jara l-ħamiem itiru. Hu kien jagħrafni u jħares lejn ibni, iżda ħarstu kienet tfakkarni biss f'kemm kont belha meta kont nemmnu. Mur għidilha lilha, x'serp għandha magħha! Iżda minn dik il-bluha tiegħi, batejt u ġibt tarbija fid-dinja; ibni!

Tant kont aljenata dak inhar, ngħum fil-passat wara li rajtu għaddej minn quddiemi, li ma ntbaħtx li kienet

waslet tal-linja. Kelli seba' mitt sena sabiex nerġa' nara 'l ibni u ngħannqu miegħi. Siegħa 'l bogħod minnu għalija kienet tfisser sena 'l bogħod.

"Sinjorina, tal-linja waslet, itla' qabli" kien qalli ġuvni samrani li kien miegħi fuq l-istejġ.

"Grazzi, kont aljenata." weġibtu jien mistħija. Il-ġuvni t'għajnejh suwed poġġa ħdejja u bdejna nparlaw bla ma naf kif. Qalli li kien jaħdem bħala pustier u li kien waqaf jistudja biex jieħu ħsieb oħtu iżgħar minnu wara li kienu tilfu lil ommhom u lil missierhom f'inċident tat-traffiku. Jien għedtlu li kont qed nistudja għal tabiba, li kont noqgħod għand oħti u r-raġel tagħha, u li kien bagħaqli sentejn biex nilħaq, peress li kont tlift sentejn mill-università. Iżda m'għedtlux li kelli ibni li kien qed jistennieni d-dar.

Bdejna noħorġu flimkien, u jien bqajt m'għedtlux kollox dwar ħajti. Iżda wara xahar noħorġu flimkien, ma flaħtx nidħaq bih iżjed u nigdiblu dwar ibni, għaliex ma ridtx nagħmel dak li kont ġarrabt jien.

Niftakar konna l-Barrakka, u kien qed jidlam, meta ħriġt ir-ritratt ta' ibni mill-but tal-kowt. Infqajt nibki x'ħin ħarist lejn dak il-wiċċ ħamrani, lejn ibni fir-ritratt, u hu mill-ewwel fehemni.

"Tassew jixbhek, għajnejk għandu ... kif tridni ma nindunax li għandek iben meta, kull fejn immorru, tibqa' tiċċassa lejn xi raġel jilgħab ma' ibnu!" U kompla jistaqsini fuq ibni u fuq missieru, u jien bdejt inparla fuq Ivan. Ma stajtx nieqaf ngħid fuq ibni, u hu baqa' jismagħni bil-paċenzja kollha. L-għada, laqqajt lil Karl u lil ibni għand oħti, u minn dak inhar, ibni ma waqafx isemmi lil Karl.

Illum il-ġurnata, jien u Karl ma mmorru mkien mingħajr tit-tifel tagħna. Dak inhar li ggradwajt u mort lura d-dar, għamluli festin b'ħafna *popcorn* u ggallettini. U dak inhar li żżewwiġna, Ivan żammilna ċ-ċrieket. Lil ommi u lil missieri ħfirtilhom ukoll ta' meta ma sibthomx t'għajnuna, u lil ibni saru jadurawh. Illum ninsab ferħana b'familti u bil-karriera tiegħi.



Għada għandi ħasla ħwejjeġ x'nagħmel, nieħu lit-tifel għall-ewwel darba l-iskola, u wara nibqa' sejra l-isptar ħalli nara l-pazjenti tiegħi. Imbagħad fil-għaxija, Karl wegħedna li ser jeħodna sa fejn il-baħar.

Illum il-ġurnata ngħid illi l-bieraħ għadda u daqs li kieku ħadd ma rah, iżda llum u għada, ippreparata għalihom għaliex m'iniex waħdi; għandi lil ibni u lil misssieru miegħi. ❑


**Bħalissa ninsabu fi bżonn ta' BOLOL u TELECARDS użati. Jekk int ikollok minn dawn, iġborhom u ibgħathomlna f'dan l-indirizz:**

**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini**
**Kunvent tal-Kapuċċini**
**Floriana - VLT 14**



**Int ma titlef xejn u aħna naqilgħu minnhom għall-Missjoni.**


## Tiswija

Nixtiequ niskużaw ruħna għal żball fid-dati tal-mewt u tal-funeral tas-Sur Pawlu Zammit li deher fil-ħarġa ta' Marzu 2001 f'paġna 27. Fil-fatt, is-Sur Pawlu Zammit miet is-Sibt 20 ta' Jannar, u l-funeral tiegħu sar it-Tnejn 22 ta' Jannar 2001. Il-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem.

# TISLIBA 13

minn P. Wistin ATTARD ofm cap



1. Isellmulkom Luqa u dan. (Rum 16, 21) (5)
2. Li għalih *għamiltu xogħolkom.* (2 Ġw 8) (6)
3. Konslu ruman. (1 Mak 15, 16) (5)
4. Iż-żgħir ta' Ħela. (1 Kron 4, 7) (5)
5. Ta' l-ajru dawn. (Dan 3, 80) (4)
6. Dan mhux mill-Profeti l-Kbar. (Neħ 3, 20) (5)
7. Aqbdu *agħmlu xogħolkom.* (Ħag 2, 4) (5)
8. Hekk hi din l-art. (Dt 4, 22) (5)
9. Din hekk tiġi minn Salamun. (1 Slat 1, 11) (3)
10. Hekk jagħmlu lil Alla. (Mal 3, 15) (7)
11. u 12. Jirbħuha midbiela. (1 Kor 9, 25) (6)
13. Minn dik bħall-bhejjem. (Ġuda 10) (6)
14. Sar bħad-deżert. (Is 33, 9) (5)
15. Alla hu fuqhom. (Ġoż 22, 22) (5)
16. Daqshekk minn kull xorta. (Ġen 6, 19) (5)
17. Minnha riedu jdendlu l-ankri. (Atti 27, 30) (5)
18. Sansun niżel hawn. (Imħ 14, 19) (7)
19. U ... xi nies kontriehom. (Esd 4, 5) (4)
20. Ħuram, sultan ta' din il-belt. (2 Kron 2, 10) (3)
21. Mhux l-Alfa biss. (Apk 21, 6) (5)
22. Hekk jagħmlu b'għajnejhom. (Ġw 12, 40) (5)

***RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' MARZU:***

*1. Bxara; 2. Tromba; 3. Bidwi; 4. Bjuda; 5. Żfin; 6. Kinux; 7. Xorti; 8. Jifdi; 9. Rum; 10. Widintu; 11. u 12. Kantaw; 13. Admata; 14. Elija; 15. Merab; 16. Ħtija; 17. Inbid; 18. Lukkett; 19. Kunu; 20. Min; 21. Jinsa; 22. Jitfi.*

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibgħatu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz: Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14*

**Ir-Rebbieħa ta' dan ix-xahar hija:**
**MRS. MARY PALMIER - Baħar iċ-Ċagħaq**

Il-Bibbja li ntużat għal din it-Tisliba hija dik ta' l-Għaqda Biblika (Edizzjoni 1984 jew 1997).

P O E Ż I J A

## FIL-MIXJA TIEGĦI FUQ DIN L-ART

***minn Prof. Oliver Friggieri***

Fil-mixja tiegħi fuq din l-art,
jekk tul il-jum jaqbadni l-ġuħ,
u tul il-lejl jeħodni n-ngħas,
jien għandi miegħi lill-Mulej.
Kif insejjaħlu nsibu qrib
u nterrqu t-tnejn flimkien id f'id.

Ma' l-ewwel leħħa taż-żerniq
kif jibda jfeġġ id-dawl tax-xemx,
irroddlu l-ħajr għall-jum il-ġdid,
għaliex f'idejh jimxu s-sigħat,
hu jsuq il-jum mingħajr waqflen,
hu jġib il-ħemda ta' bil-lejl.

Kif jibda jroxx id-dlam tal-lejl
u jaqa' s-skiet fuq il-ħolqien,
jien niftaħ qalbi mal-Mulej
u ngħidlu b'kulma nkun ġarrabt
fil-ferħ u n-niket tul il-jum,
u bħal fil-għodu rroddlu l-ħajr.

Minn jum għal ieħor il-Mulej
minn meta jien twelidt f'din l-art
ma ħallinix mitluf bin-nhar,
ma telaqnix beżgħan bil-lejl.
Hu jgħasses fuqi kullimkien
u mqar għal ftit ma jinsinix.

Jekk jiena hieni nħares lejh
biex miegħi jifraħ huwa wkoll;
jekk jiena mnikket nersaq lejh
biex ifarraġni kif nixtieq.
Il-ħajja tiegħi mal-Mulej,
hi ħajja waħda t-tnejn flimkien.

Jekk jien nitħekka taħt salib,
hu jerfgħu miegħi biex jeħfief,
minn xfar għajnejja jneħħi d-dmugħ,
jgħannaqni miegħu bħal ħabib,
u jgħidli kliem li jqawwi l-qalb
sakemm nitfarraġ u nistrieħ.

# Imxi Warajja

minn Bro. Dennis Calleja OFMCap

"Il-ħsad huwa kbir, imma l-ħaddiema huma ftit. Itolbu lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu" (Lq 10, 2). Dan hu l-kmand li Ġesù xtaq minna. Nitolbu bla heda għal ħafna ħaddiema biex jaħdmu miegħu *full-time*.



Ġesù jixtieq li aħna wkoll nagħtu sehemna f'din il-ħidma kbira li hi mmexxija minnu. Is-sehem tagħna hu li nitolbu lil Sid il-ħsad u li ngħixu b'impenn il-ħajja nisranija tagħna. Fuq kollox irridu ngħixu l-ħajja ta' l-Evanġelju biex inkunu ta' dawl u nagħtu tweġiba lil dawk li qed iħossuha bi tqila biex jgħixu b'impenn il-ħajja nisranija tagħhom. Bil-ħajja nisranija tagħna rridu nagħmlu kuraġġ lil dawk li Ġesù qed isejjaħ biex jimxu warajh iżda għadhom qed isibuha bi tqila biex jiddeċiedu li jitilqu kollox u jimxu wara Ġesù.

Ġesù kontinwament għadu jsejjaħ ħaddiema. Ħaddiema li jkunu lesti li jilqgħu kull sfida ta' xogħol li jixtieq minnhom l-Imgħallem. Ħaddiema li lesti li jimxu warajh bla ebda kundizzjoni, iżda li huma ta' servizz għal dak kollu li huma msejħin għalih. Ħaddiema li m'għandhomx xogħol jew post fiss, iżda lesti li jmorru kull fejn huma mibgħuta mill-Imgħallem tagħhom Ġesù.

Dan hu li jistenna Ġesù mid-dixxipli tiegħu. Jistenna li ma toqgħodx iġġib l-iskużi: "Ħallini l-ewwel immur nidfen lil missieri" (Lq 9, 59) jew "Jien niġi warajk Mulej, imma l-ewwel ħallini nsellem lil tad-dar" (Lq 9, 61). Iżda Ġesù għal dan kollu jwieġeb bi kliem sempliċi u dirett: "Min iqiegħed idu fuq il-moħriet u jħares lura m'huwiex tajjeb għas-Saltna ta' Alla" (Lq 9, 62). Kliem ċar ħafna li jurina x'post għandu jkollu Ġesù f'ħajjitna.

Dan mhu xejn ħlief l-ewwel post. Li nkun lest li, għas-sejħa li qed jagħmilli "Imxi warajja", jiena nwieġeb l-iva tiegħi bil-ferħ u mingħajr ma nerġa' nħares lura mid-deċiżjoni li nkun ħadt.

Ftakar li mintix waħdek.

Ftakar li l-mixja qed tagħmluha t-tnejn flimkien - int u Ġesù.



# GĦINNA NIBDU L-KNISJA FIL-KENJA

*billi tgħin fil-formazzjoni taż-żgħażagħ Kapuċċini Kenjani*



**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tinqasam bejn is-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża / saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil
Fr. Joe Alessandro,
Uffiċċju Missjoni Kapuċċini,
Floriana
Tel: 233874 / 234949 / 225525

## Ġeddidtu l-Abbonament għal din is-sena?